



Dokument ta' sessjoni

A9-0185/2023

10.5.2023

RAPPORT

dwar l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza fit-tul tal-agrikoltura tal-UE
(2022/2183(INI))

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Rapporteur: Marlene Mortler

Rapporteur għal opinjoni tal-kumitat assoċjat skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura:
Anja Hazekamp, Kumitat għall- Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	4
NOTA SPJEGATTIVA	29
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL	30
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI.....	46
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP.....	47
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	60
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	61

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza fit-tul tal-agrikoltura tal-UE (2022/2183(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jelenka l-iżgurar tad-disponibbiltà tal-provvisti, l-istabbilizzazzjoni tas-swieq u l-iżgurar li l-provvisti jaslu għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli bħala objettivi tal-politika agrikola komuni,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew¹,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 25 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 11 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, li fihom huwa rikonoxxut id-dritt għall-ikel bħala parti mid-dritt għal livell ta' għajxien xieraq,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2012, bit-titolu "L-approċċ tal-UE għar-reżiljenza: nitgħallmu mill-kriżijiet tas-sigurtà tal-ikel" (COM(2012)0586),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2021 bit-titolu "Pjan ta' kontinġenza biex jiġu żgurati l-provvista tal-ikel u s-sigurtà alimentari fi żminijiet ta' kriżi" (COM(2021)0689),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2022 dwar is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel (COM(2022)0133),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2022 dwar il-ħtieġa ta' pjan ta' azzjoni urġenti tal-UE biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel kemm fl-UE kif ukoll barra l-UE fid-dawl tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna²,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2022 dwar l-indirizzar tas-sigurtà alimentari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw³,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE⁴, li żżid il-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-ikel mal-lista ta' setturi koperti,

¹ ĠU C 270, 7.7.2021, p. 2.

² ĠU C 361, 20.9.2022, p. 2.

³ ĠU C 47, 7.2.2023, p. 149.

⁴ ĠU L 333, 27.12.2022, p. 164.

- wara li kkunsidra r-rapporti dwar l-istat tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni fid-dinja, ir-Rapport Globali dwar il-Kriżijiet tal-Ikel u r-rapport dwar in-nutrizzjoni globali, inkluża l-edizzjoni tal-2021, il-Linji Gwida dwar id-Dritt għall-Ikel tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura (FAO) tan-NU, il-Linji Gwida Volontarji dwar is-Sistemi tal-Ikel u n-Nutrizzjoni tal-Kumitat tal-FAO dwar is-Sigurtà tal-Ikel Dinjija, l-għaxar elementi tal-agroekoloġija bħala linji gwida għat-tranżizzjoni lejn sistema agrikola u tal-ikel sostenibbli (FAO), u l-Qafas għal Azzjoni għas-Sigurtà Alimentari u n-Nutrizzjoni fi Kriżijiet Imtawla tal-2014,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-25 ta' Settembru 2015 intitolata “Transforming our World: the 2030 Aġenda for Sustainable Development” (Nittrasformaw id-Dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-1 ta' April 2016, bit-titolu “United Nations Decade of Action on Nutrition (2016-2025)” (Għaxar Snin ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Nutrizzjoni (2016-2025)), li għandha l-għan li ssaħħa l-isforzi biex jintemm il-ġuħ u tinqered il-malnutrizzjoni fid-dinja kollha u li jiġi żgurat aċċess universali għal nutrizzjoni aktar tajba għas-saħħa u sostenibbli għall-bnedmin kollha, huma min huma u jgħixu fejn jgħixu,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida Volontarji tal-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija (CFS) għall-governanza responsabbli tal-pussess tal-art, is-sajd u l-foresti fil-kuntast tas-sigurtà alimentari nazzjonali (2012) u l-Prinċipji tas-CFS għal Investiment Responsabbli fis-Sistemi tal-Agricoltura u tal-Ikel (2015),
- wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (SDGs) u r-rabta mill-qrib u l-integrazzjoni tagħhom, b'mod partikolari l-SDG 1 biex jintemm il-faqar fil-forom kollha tiegħu, l-SDG 2 biex jintemm il-ġuħ, jinkisbu sigurtà tal-ikel u nutrizzjoni aħjar u tiġi promossa agrikoltura sostenibbli,
- wara li kkunsidra r-Rapport tan-NU tat-30 ta' Diċembru 2021 bit-titolu “Seeds, right to life and farmers' rights” (Żrieragħ, dritt għall-ħajja u drittijiet tal-bdiewa) (A/HRC/49/43) mir-Rapporteur Speċjali dwar id-dritt għall-ikel,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2022 bit-titolu “L-iżgurar tad-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti” (COM(2022)0590),
- wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-iżvilupp tal-proteini tal-pjanti fl-Unjoni Ewropea tat-22 ta' Novembru 2018 (COM(2018)0757),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2022 dwar viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE – Lejn żoni rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperi sal-2040⁵,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

⁵ Testi adottati, P9_TA(2022)0436.

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,
 - wara li kkunsidra r-Regola 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-Kumitat għall-Iżvilupp,
 - wara li kkunsidra r-rapport fuq inizjattiva proprja tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (A9-0185/2023),
- A. billi fl-24 ta' Frar 2022 il-Federazzjoni Russa invadiet illegalment lill-Ukrajna, li kellha konsegwenzi diżastrużi, inkluża theddida serja għas-sigurtà globali tal-ikel, bl-aktar pajjiżi vulnerabbli jkunu l-aktar f'riskju; billi l-invażjoni tal-Ukrajna fuq skala sħiħa tar-Russja aggravat serjament sitwazzjoni diġà diffiċli u ta' sfida fis-settur agroalimentari, li għadu qed jirkupra mill-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 u qed ibati mill-kriżi klimatika li għaddejja bħalissa u miż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-fertilizzanti;
 - B. billi l-effetti tal-kriżi kkawżata mill-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna poġġew is-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza tas-sistema globali tal-ikel fiċ-ċentru tal-aġenda politika; billi l-produzzjoni Ewropea tal-ikel trid għalhekk titqies bħala settur strateġiku u tingħata l-istess prijorità daqs is-sigurtà l-enerġija, id-difiża u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima fil-livell tal-UE u dak internazzjonali;
 - C. billi, skont l-FAO, fil-bidu tal-2022, l-Ukrajna u r-Russja kienu jirrappreżentaw kważi 30 % tal-esportazzjonijiet globali tal-qamħ u tal-qamħirrum, filwaqt li r-Russja kienet l-akbar esportatur ta' fertilizzanti fid-dinja; billi aktar minn 30 pajjiż, prinċipalment fl-Afrika, fil-Lvant Nofsani u fl-Asja Ċentrali, jiddependu fuq l-Ukrajna u r-Russja għal aktar minn 30 % tal-ħtiġijiet tagħhom ta' importazzjoni tal-qamħ; billi l-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna qed taggrava din l-insigurtà tal-ikel globali u tista' twassal biex bejn tmien sa 13-il miljun persuna oħra jispiċċaw f'insigurtà tal-ikel, skont is-simulazzjonijiet tal-FAO;
 - D. billi l-politika agrikola komuni (PAK) tat kontribut pożittiv għat-tisħiħ tar-rwol tal-PAK tal-agricoltura Ewropea fis-60 sena li ilha fis-seħħ; billi għandha tkompli tagħmel dan fil-futur b'appoġġ baġitarju li jkun suffiċjenti u estensiv biżżejjed biex jiggarantixxi s-sigurtà u l-provvista tal-ikel fl-Ewropa;
 - E. billi l-gwerra kontra l-Ukrajna u ż-żidiet sinifikanti fil-prezzijiet għal inputs bħall-fertilizzanti, l-enerġija u l-għalf li rriżultaw mill-kunflitt, flimkien mal-ispekulazzjoni tal-ikel, qed iwasslu għal distorsjonijiet u tensjonijiet kumulattivi sinifikanti fis-swieq agrikoli, tas-sajd u tal-akkwakultura globali, b'mod partikolari għaċ-ċereali, iż-żejt veġetali u l-bhejjem; billi l-produzzjoni tal-ikel u l-aċċess għall-ikel ma jridux jiġu pperikolati aktar u taħt l-ebda ċirkostanza ma għandhom jintużaw bħala arma ġeopolitika, peress li dan ikollu impatt fuq l-ekonomiji madwar id-dinja, speċjalment fuq iċ-ċittadini u dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà;
 - F. billi l-ewwel irvellijiet tal-ikel li faqqgħu fil-pajjiżi Għarab fl-2008 urew kemm l-ikel jista' jintuża b'mod effettiv bħala arma biex jikkawża instabbiltà ġeopolitika;

- G. billi mhux biss il-prezzijiet tal-ikel għall-konsumatur, iżda wkoll l-introjti tal-unitajiet domestiċi, huma fatturi kruċjali tas-sigurtà tal-ikel; billi, meta jiffaċċjaw prezzijiet tal-ikel għoljin bla preċedent, l-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx, li jonfqu sehem kbir mill-baġit tagħhom fuq l-ikel, jistgħu jiġu mġiegħla jagħżlu ikel anqas tajjeb għas-saħħa u anqas varjat, u b'hekk isiru partikolarment vulnerabbli għar-riskju ta' mard li ma jitteħidx marbut ma' dieti ħżiena;
- H. billi għalkemm il-prezzijiet tal-ikel huma għoljin, mhumiex qed jikkumpensaw l-ispejjeż tal-produzzjoni għall-bdiewa u l-kooperattivi agrikoli tal-UE; billi l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom kienu qed jiżdiedu b' mod esponenzjali matul is-sena li għaddiet minħabba ż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-imballaġġ kif ukoll minħabba d-disponibilità u l-kwistjonijiet tal-prezzijiet tal-fertilizzanti u l-makkinarju;
- I. billi skont il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali, ir-Russja u l-Ukrajna rrappreżentaw 8,6 % tal-produzzjoni globali taċ-ċereali, eskluż ir-ross, u 24 % tal-esportazzjonijiet fis-sena tal-ħsad 2021; billi bħala riżultat tal-gwerra li qed isseħħ mir-Russja kontra l-Ukrajna, l-interruzzjonijiet u l-konġestjonijiet fl-infrastruttura kritika, b' mod partikolari l-faċilitajiet tat-trasport u tal-ħżin għall-prodotti agrikoli, qed jillimitaw il-moviment tal-ikel, tal-għalf u ta' prodotti agrikoli oħra, b' mod partikolari ċ-ċereali u ż-żrieragħ li minnhom jintgħasar iż-żejt mill-Baħar l-Iswed; billi l-prezzijiet fis-swieq agrikoli globali kienu diġà għolew qabel l-invażjoni Russa tal-Ukrajna, parzjalment minħabba l-impatti klimatiċi u l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19;
- J. billi l-infrastrutturi tat-trasport u tal-ħżin huma essenzjali biex jiġu żgurati flussi kummerċjali, provvisti u stabbiltà tas-suq effiċjenti u siguri; billi kwalunkwe tfixkil għal dawn jista' jaffettwa l-livelli tal-prezzijiet tal-konsumatur li qabel kienu raġonevoli; billi s-sigurtà tal-ikel tmur lil hinn mill-agrikoltura u l-produzzjoni tal-ikel u għandha impatti fuq diversi oqsma, mhux biss fuq il-produtturi u l-konsumaturi primarji, iżda wkoll fuq l-ekonomija iġenerali, il-kummerċ, l-iżvilupp u l-isforzi umanitarji, u fuq il-koeżjoni soċjali u reġjonali;
- K. billi l-Kummissjoni għandha tuża l-mezzi kollha possibbli biex tiżgura li s-suq uniku Ewropew jiffunzjona tajjeb; billi l-Kummissjoni għandha żżid l-isforzi tagħha biex tindirizza l-ostakli kollha agroalimentari fis-suq uniku, inkluż l-iżblukkar tal-konġestjonijiet tat-trasport;
- L. billi, skont l-FAO, il-kunċett tas-sigurtà tal-ikel mhuwiex limitat għall-produzzjoni tal-ikel, iżda jinkludi wkoll id-dimensjonijiet tad-disponibilità, l-aċċessibilità u l-istabbiltà, kif ukoll id-dritt tal-bniedem rikonoxxut fuq livell internazzjonali għall-ikel u aċċess stabli u affordabbli għal dieti tajbin għas-saħħa u nutrittivi għal kulħadd; billi l-ebda dritt tal-bniedem ma jinkiser daqshekk ta' spiss;
- M. billi nutrizzjoni tajba għas-saħħa u bbilanċjata tagħmel differenza pożittiva fil-ħajja tan-nies u tippermetti l-iżvilupp ekwu u sostenibbli tas-soċjetà; billi l-konsumaturi qed jagħżlu dejjem aktar għażliet tal-ikel tajbin għas-saħħa u siguri, prodotti sostenibbli, trasparenza fil-katina tal-provvista, traċċabilità aħjar tal-proċessi kollha ta' produzzjoni u distribuzzjoni abbażi tad-dritt tagħhom għal aktar informazzjoni dwar l-oriġini u l-metodi ta' produzzjoni tal-oġġetti tal-ikel li jikkunsmaw;

- N. billi l-aċċess għal ikel sigur u tajjeb għas-saħħa għal kulħadd huwa dritt rikonoxxut internazzjonalment; billi huwa essenzjali li s-soċjetà tiffoka fuq id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-ikel għal kulħadd, minħabba l-implikazzjonijiet u l-konsegwenzi soċjali, ekonomiċi u ambjentali tagħhom kif ukoll l-effetti tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem;
- O. billi d-dritt għall-edukazzjoni huwa dritt fundamentali tal-bniedem; billi l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 2 jimmira li jinqered il-ġuħ sal-2030; billi l-UE għandha tiddefendi d-dritt għal ikel adegwat bħala prijorità tas-sistemi tal-ikel sabiex tinkiseb is-sigurtà tal-ikel u tittejjeb in-nutrizzjoni;
- P. billi, skont ir-Rapport tan-NU mir-Rapporteur Speċjali dwar id-dritt għall-ikel bit-titolu "Seeds, right to life and farmers' rights" (Żrieragħ, dritt għall-ħajja u drittijiet tal-bdiewa), id-dritt għall-ikel huwa marbut b'mod inerenti mas-sistemi taż-żrieragħ tal-bdiewa u d-dritt indiviżibbli tagħhom li jaħżnu, jużaw, jiskambjaw u jbigħu b'mod liberu ż-żrieragħ maħżuna mill-azjendi agrikoli; billi Tim Ewropa għandu jappoġġa programmi li jqisu l-ħtiġijiet tas-sistemi taż-żrieragħ tal-bdiewa jew tas-sistemi taż-żrieragħ informali u jappoġġa l-banek taż-żrieragħ jew il-libreriji taż-żrieragħ li jippermettu lill-bdiewa u lill-ġardinara jiġbru, jikkonservaw u jikkondividu żrieragħ indiġeni, razez lokali u varjetajiet;
- Q. billi l-kriżi tal-ikel ma tirrispettax fruntieri u l-ebda pajjiż ma jista' jegħlibha waħdu; billi hemm ħtieġa urġenti għal azzjoni konġunta u solidarjetà;
- R. billi bħala riżultat tal-kriżi tal-provvista globali, l-FAO tistma li l-prezzijiet internazzjonali tal-ikel u tal-ġhalf għolew għal livelli mingħajr preċedent minn meta l-FAO bdiet twettaq l-analiżi tal-prezzijiet u ogħla mil-livelli diġà għoljin tagħhom, anke għal prodotti li għalihom l-ebda żieda fil-prezz ma kienet ġustifikata; billi l-inflazzjoni tal-prezzijiet tal-ikel laħqet 17,26 % f'Ottubru 2022; billi ħafna nies fid-dinja jinsabu f'riskju li l-iskarsezza tal-ikel, il-ġuħ u l-ikel ma jibqgħux affordabbli; billi sabiex tiġi identifikata, evitata u eliminata l-ispekulazzjoni tal-ikel li tikkontribwixxi għall-volatilità tal-prezzijiet tal-ikel, l-operaturi tul il-katina tal-provvista tal-ikel jeħtieġ li jkun aktar trasparenti dwar is-sehem tagħhom tal-valur miżjud, li jżid it-trasparenza ġenerali tas-suq;
- S. billi l-insigurtà tal-ikel globali mhijiex primarjament ikkawżata minn nuqqasijiet fil-provvista iżda minn kunflitti, distribuzzjoni inugwali tal-ikel, ikel mhux affordabbli u interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista globali; billi ż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel taffettwa l-aktar lill-familji b'introjtu baxx, li jonfqu l-akbar proporzjon tal-introjtu tagħhom fuq l-ikel; billi huwa essenzjali li jiġu analizzati l-fatturi li qed jgħollu l-prezzijiet għall-inputs agrikoli u l-effett li dan għandu fuq iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel;
- T. billi wieħed minn kull tliet persuni madwar id-dinja għad m'għandux aċċess għal ikel adegwat u suffiċjenti u għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa; billi 2,3 biljun persuna fid-dinja batew minn insigurtà tal-ikel moderata jew severa fl-2021; billi ħafna minn dawn il-persuni huma impjegati fl-agrikoltura; billi, skont id-WFP, l-insigurtà akuta tal-ikel affettwat rekord ta' 349 miljun persuna fl-2022;
- U. billi l-ġuħ u l-insigurtà tal-ikel qed jiżdiedu madwar id-dinja u ħafna pajjiżi jinsabu 'l

bogħod b' mod sinifikanti milli jilhq u l-mira ta' għu zero sal-2030; billi li l-malnutrizzjoni tirrappreżenta piż tul il-ħajja għall-individwi u għas-soċjetajiet peress li tipprevjeni lit-tfal milli jilhq u l-potenzjal sħiħ tagħhom u għalhekk tillimita l-iżvilupp ekonomiku tal-bniedem u dak nazzjonali;

- V. billi l-Ftehim ta' Marrakech tal-1994 u b' mod partikolari l-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) dwar l-Agricoltura kkontribwew għall-ispeċjalizzazzjoni tar-reġjuni agrikoli fil-produzzjoni ta' għelejjel tal-prodotti bażiċi speċifiċi, u b'hekk ħolqu dipendenzi mill-perkors fis-sistemi ta' produzzjoni; billi din is-sitwazzjoni mhijiex reżiljenti għall-kriżijiet, peress li tħalli b' mod partikolari lill-pajjiżi importaturi tal-ikel vulnerabbli għal xokkijiet fil-prezzijiet;
- W. billi n-natura u l-bijodiversità jinteraġixxu mal-agricoltura, l-ikel u n-nutrizzjoni f'għadd ta' oqsma ewlenin, billi jipprovdu varjetà ta' pjanti u annimali minn sorsi domestikati u selvaġġi;
- X. billi l-bijodiversità tal-għelejjel hija importanti peress li din tippermetti lill-bdiewa individwali jadattaw l-ippjanar agrikolu tagħhom għall-kundizzjonijiet klimatiċi u jagħmlu s-sistemi tal-ikel naturalment aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima, il-pesti u l-patoġeni; billi, fl-istess ħin, dan l-approċċ ibbażat fuq in-natura jikkontribwixxi għat-tiżiħ tal-bijodiversità; billi għew stabbiliti għadd ta' proġetti innovattivi minn xi pajjiżi mhux tal-UE, bħall-inizjattiva Afrikana "Great Green Wall", li tippromwovi proġetti agroekoloġiċi; billi l-appoġġ tal-UE għal sistemi tal-ikel sostenibbli huwa waħda mill-prijoritajiet tal-programmi indikattivi pluriennali adottati ma' madwar 70 pajjiż sieħeb fl-ambitu tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – l-istrument Ewropa Globali għall-perjodu 2021–2027;
- Y. billi d-disponibbiltà tal-ikel tvarja minħabba x-xokkijiet ekonomiċi, il-klima, l-istaġuni u l-interuzzjonijiet; billi l-UE trid tinvesti fir-reżiljenza tas-settur agroalimentari u tikseb tranżizzjoni lejn agricoltura aktar sostenibbli, li se ssaħħa is-sigurtà tal-ikel fit-tul u tista' tipprovdi sorsi alternattivi ta' introjtu għall-bdiewa; billi huma meħtieġa sforzi biex jiġi miġġieled it-tiżiħ globali biex jiġi żgurat li l-agricoltura tkun reżiljenti u sostenibbli fit-tul;
- Z. billi 63 % tal-persuni b'introjtu baxx madwar id-dinja huma impjegati fl-agricoltura u l-maġġoranza l-kbira tagħhom jaħdmu f'azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju li s-sostenibbiltà ekonomika tagħhom bħalissa hija mhedda;
- AA. billi skont il-valutazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), il-kompetizzjoni għall-użu tal-art agrikola u l-foresti qed tiżdied bl-istess pass bħat-tkabbir fil-popolazzjoni tal-bniedem tad-dinja, li hija stmata li se tiżdied minn 8 biljun illum għal 9,5 biljun sal-2050;
- AB. billi s-sigurtà tal-ikel attwali u dik futura fl-Unjoni Ewropea hija marbuta direttament mal-għanijiet tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrateġija għall-Bijodiversità; billi l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt iddeskriviet diversi inizjattivi importanti, inkluż pjan ta' kontinġenza tal-UE biex jiġu żgurati l-provvista u s-sigurtà tal-ikel fi żminijiet ta' kriżi;

- AC. billi l-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku jistgħu jagħmlu s-sistema tal-ikel tal-UE aktar ġusta, aktar b'saħħitha u aktar favur l-ambjent, peress li s-sigurtà tal-ikel tal-UE u dik globali jiddependu fuq sistemi tal-ikel reżiljenti u sostenibbli fuq terminu qasir u twil; billi l-effett kumulattiv tal-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni relatata mal-Patt Ekoloġiku jrid ikun li tiġi ppreservata l-kapaċità tal-produzzjoni tal-ikel tal-UE, jinvolvi tranżizzjoni bla xkiel kemm fir-rigward taż-żmien kif ukoll tar-rekwiżiti u ma jridx iżid id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, li kollha kemm huma jistgħu jipperikolaw is-sigurtà tal-ikel fl-UE; billi huwa vitali li jiġi allokat finanzjament pubbliku suffiċjenti għas-setturi tal-għelejjel u tal-bhejjem sabiex jiġu protetti kontra effetti negattivi u jiġi evitat tnaqqis fil-produzzjoni tal-ikel tal-UE;
- AD. billi l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku għandha tiżgura tranżizzjoni ġusta li tiggarrantixxi protezzjoni adegwata għall-bdiewa, speċjalment il-bdiewa f'azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, u ammonti suffiċjenti ta' prodotti agrikoli siguri u affordabbli għall-konsumaturi, f'konformità mal-għanijiet fit-tul tal-UE dwar ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà; billi għajxien sostenibbli għall-produtturi primarji, li l-introjtu tagħhom għadu lura, huwa ċentrali għall-ġestjoni sostenibbli tal-kriżijiet attwali fis-swieq agrikoli u għall-kisba dejjiema tal-miri tal-Patt Ekoloġiku;
- AE. billi kważi 34 % tal-bdiewa Ewropej kellhom 65 sena jew aktar fl-2016; billi l-fatt li ħafna bdiewa se jirtiraw fil-futur qarib huwa kwistjoni ta' tħassib kbir f'għadd ta' Stati Membri; billi t-tiġdid ġenerazzjonali huwa waħda mill-akbar sfidi għall-eżistenza kontinwa ta' settur agrikolu u ta' sistemi tal-ikel reżiljenti fl-UE; billi, filwaqt li huma prijorità tal-UE, l-isforzi li saru permezz tal-PAK s'issa ma kinux biżżejjed biex jindirizzaw is-sitwazzjoni għall-aħjar u għalhekk se jkun meħtieġ sett usa' ta' għodod ta' politika;
- AF. billi l-bdiewa żgħażaġh b'mod partikolari huma innovattivi, speċjalment fl-użu ta' teknoloġiji ġodda; billi, jekk jiġu mħallsa, motivati u mogħtija s-setgħa kif xieraq, huma lesti li jagħmlu investimenti li jistgħu jżidu s-sostenibbiltà agrikola, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kompetittività; billi l-konnettività ma' networks tal-broadband b'kapaċità għolja hija kruċjali għall-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli, iż-żieda fil-produttività u t-tiġib tal-effiċjenza; billi huma meħtieġa inċentivi biex jiġi promoss it-taħriġ fl-IT għall-bdiewa;
- AG. billi ż-żieda qawwija u sinifikanti fil-prezzijiet globali tal-fertilizzanti u tal-enerġija flimkien maż-żieda qawwija fi spejjeż oħra tal-input qed joħlqu diffikultajiet għall-bdiewa u jheddu l-produzzjoni futura tal-għelejjel u b'hekk is-sigurtà tal-ikel u l-affordabbiltà; billi f'Settembru 2022 il-prezzijiet tal-fertilizzanti nitroġenużi żdiedu b'149 % meta mqabbla mal-prezzijiet fis-suq tal-fertilizzanti tal-UE fis-sena ta' qabel; billi fid-dawl tal-kriżi attwali tal-input u tal-enerġija, il-Kummissjoni trid tagħti attenzjoni mill-qrib lis-sitwazzjoni ekonomika tal-bdiewa Ewropej;
- AH. billi l-isfidi ġeopolitiċi attwali juru li s-sigurtà tal-ikel mhijiex kisba permanenti, li l-produzzjoni Ewropea tal-ikel għandha titqies bħala settur strateġiku u għandha tiġi ppreservata u msaħħa f'dan ir-rigward; billi l-funzjonament kif suppost tas-suq uniku Ewropew huwa prekondizzjoni biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel; billi l-ostakli tariffarji u mhux tariffarji kollha fis-settur agroalimentari għandhom jiġu rieżaminati; billi żoni u

komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, vibranti, reżiljenti u prosperi huma kruċjali għas-sigurtà u l-awtonomija tal-ikel tal-Ewropa u għall-prosperità tal-Unjoni Ewropea;

- AI. billi l-agrikoltura hija ta' importanza kbira għall-ekonomija tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, li spiss jiffaċċjaw sitwazzjoni partikolarment fraġli tas-sigurtà tal-ikel; billi minħabba n-natura tas-sigurtà tal-ikel, l-ispejjeż ta' reazzjoni wara li jseħħ il-fatt huma ogħla minn dawk ta' intervent aktar kmieni;
- AJ. billi jekk l-UE trid tevita d-destabilizzazzjoni, il-faqar tal-ikel, il-karestija, l-inkwiet soċjali u politiku f'pajjiżi oħra, l-Unjoni trid tiżviluppa viżjoni biex tiżgura s-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni fl-UE u tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel fil-livell internazzjonali;
- AK. billi huwa stmat li 20 % tal-ikel kollu prodott jintilef jew jinjala; billi aktar minn 36 miljun persuna mhumiex f'pożizzjoni finanzjarja biex jieklu ikla ta' kwalità kull jumejn; billi l-popolazzjoni l-aktar fil-bżonn qed tiżdied b'riżultat tal-kriżi ekonomika attwali;
- AL. billi l-kumpaniji tal-ikel involuti fil-loġistika u d-distribuzzjoni bl-ingrossa, il-produzzjoni industrijali fuq skala kbira u l-ipproċessar ġew identifikati bħala entitajiet kruċjali li r-reżiljenza tagħhom jeħtieġ li tissaħħaħ peress li jipprovdu servizzi essenzjali; billi s-swieq bl-ingrossa huma entitajiet ta' interess pubbliku li jipprovdu lil żoni reġjonali u interreġjonali vasti b'servizz li huwa essenzjali għall-provvista u d-distribuzzjoni lill-konsumatur finali ta' prodotti agrikoli u tas-sajd friski u li jitħassru u li jiggarrantixxu l-kwalità u l-konformità tagħhom mal-istandards tas-saħħa; billi, barra minn hekk, is-swieq bl-ingrossa diġà wrew ir-reżiljenza tagħhom u r-rwol vitali li għandhom billi jiżguraw il-kontinwità tal-provvista u d-distribuzzjoni tal-ikel matul il-pandemija tal-COVID-19;
- AM. billi 11,9 % biss tal-manigġers kollha tal-azjendi agrikoli fl-UE fl-2020 kellhom anqas minn 40 sena, filwaqt li 33,2 % tal-manigġers tal-azjendi agrikoli tal-UE kellhom 65 sena u aktar; billi l-età medja tal-bdiewa Ewropej żdiedet għal 57 sena; billi fl-2020 kien hemm 5,3 miljun azjenda agrikola anqas fl-UE milli fl-2005, tnaqqis ta' 37 %; billi l-għadd ta' manigġers tal-azjendi agrikoli naqas b' 11,2 % bejn l-2016 u l-2020; billi l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE rreġistraw tnaqqis ġenerali fl-għadd ta' manigġers tal-azjendi agrikoli;
- AN. billi n-nisa għandhom rwol vitali fiż-żoni rurali; billi, bl-għan li jiġi miġġieled it-tnaqqis previst ta' dawn iż-żoni fl-UE, huwa vitali li n-nisa jingħataw rikonossiment u viżibbiltà għall-ħidma tagħhom fl-azjendi agrikoli u s-sjieda konġunta tagħhom; billi azzjonijiet u miżuri huma meħtieġa biex titnaqqas ukoll id-differenza bejn il-ġeneri fis-settur agroalimentari, u huwa imperattiv li n-nisa jiġu involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli kollha meta jiġu żviluppati pjanijiet u politiki;

Sfidi għas-Sigurtà tal-Ikel Ewropea

1. Jenfasizza r-reżiljenza tas-settur agroalimentari matul il-kriżijiet riċenti, il-kapaċità tiegħu li jżomm il-funzjonament tal-ktajjen tal-provvista tal-ikel u jiżgura s-sigurtà tal-ikel f'ċirkostanzi diffiċli ħafna; jinnota li l-pandemija tal-COVID-19 u l-invażjoni illegali Russa tal-Ukrajna, madankollu, kixfu problemi strutturali fis-settur agrikolu Ewropew u

joħolqu riskji sinifikanti għas-swieq agrikoli tal-Istati Membri, speċjalment dawk li huma ġeografikament l-eqreb għall-gwerra;

2. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UE ssaħħaħ is-sigurtà tal-ikel, l-awtonomija strateġika u r-reżiljenza tas-settur tal-biedja tagħha u l-katina tal-provvista kollha tagħha billi tnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet minn barra l-UE u billi tiddiversifika l-provvista ta' importazzjonijiet kritiċi tal-produzzjoni bħall-fertilizzanti, l-għalf u l-materja prima; jenfasizza li l-ktajjen tal-provvista ma jridux isiru għodda ġeopolitika biex jiddestabbilizzaw u jipperikolaw is-sigurtà tal-ikel fil-livell globali, speċjalment fil-pajjiżi l-aktar żvantaġġati u vulnerabbli; jisħaq li l-ktajjen tal-provvista qosra u reġjonali għandhom jittejbu b'mod sostenibbli;
3. Jilqa' l-adozzjoni, minħabba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali, ta' miżuri temporanji li jappoġġaw lill-bdiewa tal-UE, li għandhom jinżammu jekk l-invażjoni Russa tal-Ukrajna tkompli; jisħaq li dawn il-miżuri se jippermettu lill-bdiewa jżidu b'mod sostenibbli l-produzzjoni agrikola tal-UE u jiggarrantixxu s-sopravivenza tal-azjendi agrikoli matul l-istaġun tal-ħsad 2022-23, li se jikkontribwixxi għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta mingħajr dewmien pjan strateġiku olistiku li jiżgura s-sigurtà tal-ikel għall-UE, li jista' jinkludi l-użu ta' stokkijiet strateġiċi tal-ikel; jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ l-istabbiltà fid-dawl ta' rendimenti imprevedibbli minħabba t-tibdil fil-klima u fatturi oħra, li jistgħu jiġu aggravati permezz tal-ispekulazzjoni;
4. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika s-setturi l-aktar milquta mill-kriżi u tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tippermetti li jingħatalhom appoġġ urġenti u aktar sostanzjali;
5. Jisħaq li d-dipendenza fuq l-ikel taggrava d-dejn tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u b'hekk tipperikola l-kisbiet li saru fis-sigurtà tal-ikel; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jevalwaw il-mezzi kollha disponibbli biex tiġi evitata kwalunkwe inadempjenza fil-bilanċ tal-pagamenti tal-pajjiżi importaturi tal-ikel, inkluż is-serħan mid-dejn taħt l-awspiċi ta' inizjattivi internazzjonali, finanzjament dirett u ristrutturatur tad-dejn tagħhom; itenni l-importanza ta' finanzjament ibbażat fuq l-għotjiet, speċjalment għall-pajjiżi l-anqas żviluppatti;
6. Jilqa' l-Qafas Temporanju għall-Kriżijiet il-ġdid biex jgħin lill-produtturi Ewropej ilaħħqu mal-effetti tal-gwerra fl-Ukrajna, iżda jissottolinja l-ħtieġa li jiġi identifikat appoġġ finanzjarju ġdid biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel Ewropea u ta' pajjiżi terzi; jenfasizza s-sitwazzjoni kritika tas-suq tal-ħnieżer u tal-ħalib f'xi Stati Membri u jitlob appoġġ finanzjarju dirett u immedjat għal dawn is-setturi;
7. Ifakkar fil-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD) stabbilit fl-Artikolu 208 tat-TFUE, li skontu "l-Unjoni għandha tieħu in kunsiderazzjoni l-oġettivi ta' koperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-politika li x'aktarx tolqot lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw", u l-importanza li tiġi żgurata l-koerenza bejn il-politiki kollha tal-UE sabiex tiġi ggarantita l-effettività tal-koperazzjoni għall-iżvilupp għall-benefiċċju tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u tiżdied l-effettività tal-impenn tal-UE għas-sigurtà tal-ikel globali; jinsisti li l-iżgurar tal-PCD fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel huwa importanti biex jikkontribwixxi għall-ħarsien tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem u għall-prevenzjoni ta' kriżijiet umanitarji;

Agrikoltura sostenibbli u reżiljenti

8. Jirrimarka l-importanza ċentrali tas-settur agrikolu u dak tal-ikel fl-ekonomija u biex jipprovdu opportunitajiet ta' impjieġ deċenti u sostenibbli b'kundizzjonijiet ta' xogħol siguri f'żoni rurali; jinnota li l-ispejjeż dejjem jiżdiedu tal-inputs tal-azjendi agrikoli jżidu mal-ispejjeż tal-produzzjoni diġà għoljin u jipperikolaw id-dħul tal-bdiewa; jistieden lill-Kummissjoni tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tipprovdi sigurtà fl-ippjanar tal-produzzjoni għall-bdiewa, kif ukoll riżorsi finanzjarji u garanziji adegwati, li jagħmluha possibbli li tinżamm u, jekk ikun meħtieġ, tiżdied il-produzzjoni tal-ikel, jissaħħu s-sistemi tal-biedja sostenibbli, tiżdied id-diversità tal-għelejjel tal-ikel tal-UE u tiżdied il-kwalità tal-prodotti, filwaqt li jiġu rrifjutati imitazzjonijiet artifiċjali u industrijali;
9. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-art agrikola tibqa' disponibbli primarjament għall-produzzjoni sostenibbli tal-ikel u l-għalf peress li din l-art tikkontribwixxi għall-konservazzjoni tal-bijodiversità filwaqt li tikkontribwixxi wkoll għas-sigurtà tal-ikel u tista' tgħin ukoll biex titnaqqas id-dipendenza enerġetika tal-UE; jenfasizza li dan irid jitqies fil-proposti leġiżlattivi rilevanti kollha, li jridu jqisu kemm il-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif ukoll li jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità, f'konformità mal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrateġija għall-Bijodiversità, kif ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fit-tul u tkun konformi mal-oġettivi tal-PAK; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tiżgura, fl-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku, id-diversità tal-mudelli agrikoli fl-UE kollha u tiżgura li l-intraprenditorija u l-attività agrikoli jinżammu madwar l-Unjoni minn perspettiva strateġika f'termini ta' sigurtà tal-ikel;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tqis b'mod partikolari l-mudelli tal-biedja effiċjenti ħafna f'żoni b'art agrikola fertili fejn l-ikel jiġi prodott b'mod sostenibbli; jenfasizza l-ħtieġa ta' kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni speċifiċi għall-agrikoltura f'żoni urbanizzati fejn l-azjendi agrikoli tal-familja jiffaċċjaw spejjeż ogħla u sfidi oħra;
11. Jinnota li minħabba ż-żieda fl-urbanizzazzjoni u fil-popolazzjoni globali kien hemm tnaqqis enormi fl-art disponibbli għall-agrikoltura, u li huwa possibbli li jiġi prodott b'mod sinifikanti aktar fuq anqas art permezz ta' intensifikazzjoni sostenibbli jew biedja urbana;
12. Jenfasizza l-potenzjal tal-biedja vertikali għall-produzzjoni tal-ikel li hija indipendenti mit-temp u mill-istaġuni, u li tista' tikseb rendimenti ogħla b'anqas użu ta' ilma u pestiċidi; jappella għal rikonossiment akbar ta' din il-prattika fil-politika tal-UE, kif ukoll għal inizzjattivi biex jiżdiedu l-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp għall-biedja vertikali;
13. Ifakkar li l-leġiżlazzjoni b'appoġġ għall-agrikoltura b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju trid tkun faċli biex tiġi implimentata mill-partijiet ikkonċernati li jistgħu jgħinu biex titjeb is-sigurtà tal-ikel tal-Ewropa billi jiżguraw li l-bdiewa jirċievu paga aħjar filwaqt li jippermettu lis-settur agrikolu jkollu rwol importanti fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra; jesprimi dispjaċir, madankollu, għall-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni ma qisix it-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-azjendi agrikoli u kienet tinkludi biss is-sekwestru;

14. Jisħaq fuq l-importanza tal-protezzjoni u tal-promozzjoni tad-dritt tal-komunitajiet lokali għas-sigurtà tal-ikel; jiddeplora, f'dan il-kuntest, il-fatt li l-ħtif tal-art huwa mifruħ f'ħafna pajjiżi, li jdgħajjef is-sovranità tal-ikel; jappella lill-UE tappoġġa bil-qawwa l-prevenzjoni tal-ħtif tal-art; jisħaq fuq l-importanza li jitnieda proċess inklużiv li jkollu l-għan li jiggarrantixxi l-parteċipazzjoni effettiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-komunitajiet lokali fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki u l-azzjonijiet relatati mal-ħtif tal-art; jappella biex il-proġetti kollha li jippromwovu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-art, inkluż il-kummerċ, jirrispettaw il-Linji Gwida Volontarji dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art (VGGT), kif ukoll għal miżuri li jiżguraw li l-proġetti ma jipperikolawx id-drittijiet tal-art tal-bdiewa fuq skala żgħira;
15. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-liġi qafas futura tal-UE dwar sistemi tal-ikel sostenibbli tippromwovi ambjenti tal-ikel favorevoli u kunsiderazzjonijiet soċjali, li fihom jkunu l-aktar disponibbli għażliet tal-ikel tajbin għas-saħħa u sostenibbli, affordabbli, reklamati u attraenti, u tippromwovi ktajjen tal-provvista qosra u l-konsum ta' prodotti lokali u staġonali;
16. Jirrimarka li l-introjt tal-azjendi agrikoli fl-UE għadu anqas minn nofs il-pagi u s-salarji grossi fl-UE u li għalhekk l-istabbiltà ekonomika għandha titressaq 'il fuq fl-aġenda fid-dawl tax-xejriet inflazzjonarji;
17. Jissottolinja l-valur tal-ikel li jrid jinftiehem ukoll bħala ħafna aktar minn sempliċi prodott bażiku iżda bħala dritt għan-nies li jrid jiġi realizzat, u l-impatt u l-esternalitajiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali jridu jiġu vvalutati aħjar, u mmitigati jew xprunati kif meħtieġ;
18. Jinnota li l-Patt Ekoloġiku Ewropew jista' jkun pass importanti fit-tranżizzjoni tal-UE lejn ekonomija u agrikoltura aktar ekoloġiċi, sostenibbli u reżiljenti; jirrimarka, madankollu, li xi wħud mill-miżuri proposti jista' jkollhom effetti mhux intenzjonati, li għadhom ma ġewx ivvalutati u identifikati kif xieraq fil-livell tal-azjendi agrikoli, b'mod partikolari dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fit-tul u l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli, speċjalment l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, twettaq valutazzjoni komprensiva tal-impatt kumulattiv tal-proposti leġiżlattivi tal-Patt Ekoloġiku fuq is-settur tal-biedja tal-UE b'mod olistiku u sistematiku li jkopri d-dimensjonijiet kollha tas-sostenibbiltà, b'mod partikolari dawk ambjentali, ekonomiċi u soċjali, bil-ħsieb li jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u tan-nutrizzjoni, il-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli u l-produzzjoni agrikola fl-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tevita sitwazzjoni fejn il-bdiewa Ewropej jiffaċċjaw kompetizzjoni inġusta minn importazzjonijiet li ma jissodisfawx l-istandards tagħna;
19. Jinsisti fuq il-ħtieġa ta' miżuri proporzjonati, tranżizzjoni ġusta, perjodu ta' żmien xieraq għall-adattament u mekkaniżmu ta' ħlas ġust bl-għan li jinżammu l-kompetittività, il-produttività u r-reżiljenza soċjali tas-settur agroalimentari tal-UE;
20. Jissottolinja li Prattiki agroambjentali klimatiċi bħall-agroekoloġija, l-agroforestrija, il-ġestjoni integrata tal-pesti, il-biedja organika, il-biedja ta' preċiżjoni u s-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola għandhom il-potenzjal li jindirizzaw l-isfidi klimatiċi, tal-bijodiversità, ambjentali, ekonomiċi u soċjali; jisħaq fuq l-importanza li jsiru

investimenti effiċjenti u mmirati tajjeb fil-mitigazzjoni, kif ukoll fil-miżuri ta' adattament, sabiex jitnaqqsu r-riskji u jiġu evitati spejjeż sinifikanti fit-tul;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-bdiewa b'għodod aħjar li jippermettulhom jagħtu kontribut dejjem akbar għat-tranżizzjoni ekoloġika li għaddejja bħalissa; jirrimarka, f'dan il-kuntest, li l-bdiewa jeħtieġ li jkunu jistgħu jikkontribwixxu (lil hinn mill-awtokonsum) għall-produzzjoni tal-enerġija, b'mod partikolari l-enerġija rinnovabbli, fl-UE, sabiex tingħata spinta reali lill-iżvilupp tal-ekonomija ċirkolari u lill-prattika tal-enerġija nadifa; jemma, barra minn hekk, li huwa meħtieġ li l-bdiewa u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom jiġu involuti fl-identifikazzjoni ta' żoni xierqa;
22. Jisħaq li s-sigurtà tal-ikel tinkludi wkoll l-aspetti tas-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni u għandha titqies f'perspettiva fuq perjodu ta' żmien qasir, medju u twil;
23. Jappella li titqies ir-rabta bejn is-saħħa pubblika u l-bijodiversità, f'konformità mal-approċċ "saħħa waħda";
24. Jappella għall-applikazzjoni stretta tal-prinċipju "saħħa waħda", li torbot is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u l-kwistjonijiet ambjentali fil-politiki kollha li jaffettwaw id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-ikel; jenfasizza li s-sigurtà tal-ikel qatt ma għandha tiġi pperikolata u jenfasizza l-importanza li l-politiki jitmexxew b'mod ġust u soċjoekonomikament ekwu lejn il-promozzjoni ta' ikel nutrizzjonali u affordabbli prodott b'mod li jkun sostenibbli fit-tul, f'konformità mal-konservazzjoni tal-bijodiversità u s-soluzzjonijiet agroekoloġiċi; jenfasizza l-importanza ta' tikkettar xieraq u trasparenti li jiffaċilita għażliet tajbin għas-saħħa għall-konsumaturi;

Tiġdid ġenerazzjonali

25. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar it-tnaqqis fl-għadd ta' azjendi agrikoli u manijers tal-azjendi agrikoli flimkien maż-żieda fl-età medja tal-bdiewa Ewropej; jenfasizza li fit-tul, il-prijorità ewlenija biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel Ewropea hija t-tiġdid ġenerazzjonali;
26. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija ambizzjuża u komprensiva tal-UE dwar it-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu, bl-għan li jiżdied l-għadd ta' bdiewa żgħażaġh, jittejbu l-kompetenzi u l-ħiliet tagħhom, b'mod partikolari biex jiġu sfruttati bis-sħiħ l-opportunitajiet offruti mill-biedja intelliġenti u l-intelliġenza artifiċjali; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi "verifika soċjoekonomika tal-bdiewa żgħażaġh" fil-leġislazzjoni agrikola, klimatika jew ambjentali kollha li jmiss;
27. Jirrimarka li nuqqas ta' aċċess għall-art, ħlas insuffiċjenti li ma jippermettix għajxien deċenti, opportunitajiet aħjar ta' impjieg mhux agrikolu u piż regolatorju li qed jiżdied huma fatturi ewlenin li jispjegaw għaliex aktar u aktar bdiewa jħossuhom imġiegħla jitolqu mis-settur u għaliex anqas nies huma inklinati li jibdew jaħdmu fil-biedja; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-bdiewa jkollhom sors ta' introjtu prevedibbli u jistgħu jaqilgħu l-għajxien tagħhom mill-attività tagħhom;
28. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li tingħata spinta lill-investment, inkluża d-

diġitalizzazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, tfassal b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri linji gwida li għandhom l-għan li jiffaċilitaw is-sinerġiji bejn il-fergħat ta' finanzjament tal-PAK u dawk tal-politika ta' koeżjoni;

29. Jistieden lill-Kummissjoni tikkomunika azzjonijiet relatati mas-sigurtà tal-ikel b'mod konsistenti u koordinat; ifakkor lill-Kummissjoni biex tevalwa l-impatti fuq il-proċeduri u s-sigurtà tal-ikel fil-proposta leġiżlattiva tagħha;

Strateġija tal-UE dwar il-proteini

30. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta b'mod urġenti strateġija komprensiva tal-UE dwar il-proteini li tintroduċi miżuri effettivi biex tiżdied il-produzzjoni tal-UE tal-proteini fuq perjodu ta' żmien qasir, medju u twil; jemmen li din l-istrateġija għandha tiffoka fuq il-produzzjoni lokali sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tagħha u titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi; jemmen ukoll li l-istrateġija trid tissalvagwardja, jew iżżid l-introjtu tal-bdiewa minn produzzjoni sostenibbli;
31. Iqis li l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-potenzjal li jiġu massimizzati s-sinerġiji mal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli tal-UE biex tiżdied id-disponibbiltà ta' għalf b'kontenut għoli ta' proteini; jissottolinja li dipendenza għolja fuq l-importazzjonijiet tal-ikel u tal-għalf tesponi lill-popolazzjonijiet għall-volatilitajiet tas-suq globali; jisħaq fuq il-ħtieġa, minħabba t-tfixkil fil-ktajjen tal-produzzjoni globali u ż-żieda fil-volatilità tal-prezzijiet, li tiġi żviluppata awtonomija strateġika miftuħa għall-UE bil-għan li jiġi żgurat l-aċċess għas-swieq ewlenin u titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti kritiċi bħal sorsi ta' proteini u għalf bbażati fuq il-pjanti;

Tekniki ġodda ta' kultivazzjoni

32. Jirrikonoxxi l-importanza li l-għelejjel isiru aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima u għal patoġeni ġodda, u li jiżdiedu u jinżammu r-rendimenti fuq terminu qasir u twil, b'mod partikolari fid-dawl tan-nixfiet u n-nuqqas ta' ilma li qed jolqtu għadd dejjem akbar ta' Stati Membri tal-UE; jisħaq li dan jiddependi mir-restawr u l-konservazzjoni tal-bijodiversità, is-saħħa tal-ħamrija, l-applikazzjoni ta' metodi agroekoloġiċi u organiċi, u jissottolinja l-importanza tas-sigurtà u d-diversità taż-żrieragħ; jisħaq li n-nissela u l-bdiewa jeħtieġ li jkollhom aċċess garantit għal żrieragħ ta' kwalità ta' varjetajiet ta' pjanti adattati għall-pressjonijiet tat-tibdil fil-klima u ta' sistemi ta' biedja b'input baxx, inklużi varjetajiet tradizzjonali u adattati għal-lokal u materjal eteroġenu; jisħaq fuq il-ħtieġa tagħhom li jkollhom aċċess garantit għar-riżorsi ġenetiċi meħtieġa għal aktar tnissil;
33. Jirrimarka li prattiki ta' kultivazzjoni innovattivi u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi f'ambjenti kkontrollati u magħluqa jeħtieġu provvista sigura ta' materja prima tal-materjal tat-tkabbir; jemmen li l-produzzjoni u l-provvista tal-UE ta' dawn il-materjali għandhom jiġu ggarantiti;
34. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-użu mmirat u l-iżvilupp ulterjuri ta' tekniki ġodda tat-tnissil fl-agrikoltura; jappella biex l-UE tħaffef l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar l-użu ta' tekniki ġodda ta' tnissil bi sħubija mal-Istati Membri, filwaqt li timxi mal-prinċipju ta' prekawżjoni sabiex l-għelejjel jagħtu rendimenti aktar produttivi b'mod

sostenibbli u jkunu aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima u patoġeni ġodda, speċjalment fil-kuntest ta' organiżmi ta' ħsara, nixfiet, għargħar, skarsezzi tal-ilma, u kundizzjonijiet estremi tat-temp oħra li qed jiffaċċjaw għadd dejjem akbar ta' Stati Membri tal-UE; jirrimarka li tekniċi ġodda ta' tniissil jistgħu jippromwovu agrikoltura sostenibbli, li mhijiex possibbli mingħajr l-innovazzjoni;

35. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li r-riżultati tar-riċerka jiġu integrati fil-prattiki tal-biedja peress li dan ikollu rwol importanti fil-kisba tal-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, billi tiġi żviluppata agrikoltura aktar sostenibbli, u dan jinkludi li l-raġġala Ewropej jingħataw alternattivi għat-tnaqqis tal-użu ta' fertilizzanti u pestiċidi sintetiċi;
36. Jenfasizza l-importanza li jingħata aċċess ugwali għal innovazzjonijiet teknoloġiċi u xjentifiċi li jkunu kapaċi jtejbu r-reżistenza tal-varjetajiet u jrawmu d-diversità tar-riżorsi ġenetiċi u s-sistemi ta' produzzjoni tal-ikel, b'konformità mar-regoli dwar is-sigurtà tal-ikel tal-UE;
37. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta kif xieraq u aħjar l-effetti tal-organiżmi ġenetikament modifikati fuq is-saħħa, il-bijodiversità u l-inklużjoni soċjali, u fuq il-libertà tal-għażla tal-bdiewa u tal-konsumaturi;
38. Jappella biex issir analiżi komprensiva tal-effetti soċjoekonomiċi u ambjentali li jkollhom fuq is-sistema alimentari l-privattivi fuq il-proċessi tat-tniissil, fuq il-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti u fuq partijiet minnhom, inkluż il-potenzjal li dawn iżidu l-konċentrazzjoni tas-suq u l-monopolizzazzjoni fil-katina alimentari, kif ukoll l-impatt tagħhom fuq l-aċċessibilità tal-prezzijiet u d-disponibilità tal-ikel;
39. Jemmen li l-applikazzjoni mmirata ta' tekniki ġenomiċi ġodda u l-approvazzjoni ta' żrieragħ li jużaw dawn it-tekniki fl-UE huma miżuri importanti biex l-agrikoltura ssir sostenibbli fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt;
40. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi djalogu mal-Ewropa kollha dwar l-opportunitajiet li l-metodi ta' tniissil il-ġodda joffru biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u jistedinha teduka lill-pubbliku dwar id-differenzi bejn il-pjanti transġeniċi u l-metodi ġodda ta' tniissil;
41. Jissottolinja l-importanza tas-sigurtà u d-diversità taż-żrieragħ, b'mod partikolari l-importanza tal-promozzjoni tal-proteini tal-pjanti mkabbra fl-UE biex jiġi prodott ikel u għalf miksuba lokalment b'valur nutrizzjonali għoli filwaqt li l-bdiewa jingħataw aċċess għal żrieragħ ta' kwalità għal varjetajiet ta' pjanti adattati għall-pressjonijiet tat-tibdil fil-klima u sistemi tal-biedja b'input baxx, inklużi varjetajiet tradizzjonali u adattati lokalment u materjal eteroġenu;
42. Jappella biex l-UE u l-Istati Membri tagħha ma joħorġux privattivi fuq materjal bijoloġiku; jappella biex jissalvagwardjaw il-libertà tal-operat u l-eżenzjoni tal-varjetarjiet ta' dawk li jrabbu;

L-intelliġenza artiċijali u l-ġestjoni preċiża tal-għelejjel

43. Jenfasizza li t-teknoloġiji diġitali u l-ġestjoni preċiża tal-għelejjel jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet innovattivi għal sfidi ewlenin peress li dawn jistgħu jippermettu l-monitoraġġ tad-deforestazzjoni, it-tnaqqis tal-użu ta' pestiċidi, fertilizzanti u l-konsum tal-ilma fl-agrikoltura, iż-żieda tal-rendimenti u t-titjib fir-rendiment ekonomiku u ambjentali; jirrimarka li dawn it-teknoloġiji ta' spiss jinvolvu spejjeż relatati mal-investiment li jkunu kbar u li soluzzjonijiet xierqa u finanzjamenti addizzjonali għall-bdiewa huma għaldaqstant meħtieġa biex isiru bi prezz raġonevoli u aċċessibbli għal azjendi agrikoli tal-familja u ta' daqs żgħir; jisħaq li dawn it-teknoloġiji għandhom ikunu aċċessibbli għall-bdiewa b'azjendi agrikoli ta' daqs żgħir u li l-bdiewa dejjem iżommu d-drittijiet fuq id-data tagħhom;
44. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-użu tal-innovazzjoni diġitali sostenibbli sabiex timmodernizza l-agrikoltura tal-UE u b'hekk tippermetti lill-bdiewa jwettqu bis-sħiħ il-potenzjal tal-produzzjoni tagħhom u jiżguraw l-introjt tagħhom fil-kuntest tat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż permezz ta' ċiklu tan-nutrijenti ottimizzat, filwaqt li tiżgura wkoll l-inklużjoni diġitali; jisħaq li dawn it-teknoloġiji l-ġodda jistgħu jipprovdu wkoll soluzzjonijiet alternattivi għall-bdiewa Ewropej li jgħinuhom jissodisfaw rekwiżiti ġodda, b'mod partikolari fir-rigward tal-pestiċidi u t-tnaqqis tal-input;
45. Jenfasizza li t-teknoloġiji tad-data spazjali u tal-intelliġenza artifiċjali jistgħu jkunu sors ta' informazzjoni importanti għall-agrikoltura u l-katina kollha tal-ikel, fejn it-teknoloġija tagħmilha possibbli li l-informazzjoni tgħaddi mingħand il-produttur għall-konsumatur u viċe versa, u b'hekk jitjieb il-mod li ta' kif il-katina tal-valur sħiħa taħdem, li jwassal biex tonqos il-ħela u l-ispejjeż marbuta mal-loġistika jonqsu wkoll; jirrimarka, madankollu, li l-użu ta' tali data għadu limitat ħafna, peress li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ma tkunx disponibbli liberament jew hi kumplessa wisq biex tintuża mill-azjendi agrikoli jew mill-awtoritajiet lokali; jappella għal użu akbar ta' tali data u teknoloġiji kif ukoll disponibbiltà akbar tagħhom biex il-bdiewa jiġu appoġġati fit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, filwaqt li tiġi żgurata r-reżiljenza tal-agrikoltura tal-UE; jappella għall-iżvilupp ta' spazju tad-data sigur u ta' min jafda fuqu li jippermetti lis-settur tal-biedja jaqsam u jaċċessa data, u dan itejjeb ir-rendiment ekonomiku u ambjentali fil-qasam;

Il-loġistika

46. Jistieden lill-UE tirrikonoxxi l-importanza strateġika taċ-ċentri loġistiċi, b'mod partikolari s-swieq bl-ingrossa, bħala parti integrali u komplementari tal-produzzjoni agrikola primarja, li mingħajrha l-bdiewa u l-kumpaniji tat-trasport ma jkunux jistgħu jfornu lill-konsumaturi b'mod konsistenti u li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-konsumaturi;
47. Jappella għal investiment fl-infrastruttura għal trasport u faċilitajiet ta' ħażna aktar sostenibbli għal prodotti friski jew prodotti oħra li joriġinaw mill-azjendi agrikoli, li jgħin ukoll biex titnaqqas il-ħela tal-ikel u l-impronta ambjentali tas-settur; jappella, f'dan il-kuntest, biex l-UE tirrikonoxxi d-differenzi reġjonali, tistimola l-produzzjoni ta' ikel lokali u tiegħu kont ta' żoni skarsament popolati u l-ħtiġijiet tagħhom;

Il-pestiċidi

48. Jirrikonoxxi l-fatt li regoli ġodda li jnaqqsu r-riskju u l-użu tal-pestiċidi fl-UE bl-għan li jkun hemm sistema tal-ikel aktar ġusta, aktar sana u aktar b'saħħitha mil-lat ambjentali skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew huma talba importanti fil-livell ta' soċjetà;
49. Jissottolinja li n-numru tad-dakkara ilu nieżel mal-Ewropa kollha u jenfasizza li hemm hteġa urġenti li niproteġu n-naħal u d-dakkara, speċjalment billi ninkoraġġixxu l-kontroll bijoloġiku tal-pesti u nnaqqsu l-użu u r-riskji tal-pestiċidi; jenfasizza madankollu l-fatt li l-Kummissjoni ppreżentat proposta leġiżlattiva b'miri vinkolanti għat-tnaqqis tal-pestiċidi, li jinkludu projbizzjoni fuq l-użu ta' tagħhom fl-hekk imsejja żoni sensitivi, mingħajr ma qabel offriet lill-bdiewa alternattivi effettivi biżżejjed ta' kontroll tal-pesti li jkunu wkoll affordabbli jew mingħajr ma ħadet kont tal-impatt li n-nuqqas ta' għodda li jiproteġu l-pjanti minn organiżmi li jagħmlu ħsara jista' jkollhom fuq is-sigurtà tal-ikel tal-UE, id-dipendenza ta' tagħha fuq importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u l-kapaċità li l-pjanti jinżammu f'saħħithom; jenfasizza li din il-proposta ma tiħux inkunsiderazzjoni l-ispeċifitàriet reġjonali tal-agrikoltura Ewropea u ma tinkludix valutazzjoni tal-impatt globali bl-impatti kkwantifikati fuq il-produzzjoni tal-ikel, il-kompetittività tal-biedja tal-UE, l-impatt potenzjali fuq il-bdiewa, id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-ikel, il-prezzijiet tal-ikel u t-tixrid ta' organiżmi li jagħmlu ħsara; ifakkar li r-restrizzjoni tal-użu tal-pestiċidi f'żoni sensitivi diġà huwa rregolat fil-leġiżlazzjoni ta' xi Stati Membri;
50. Jisħaq fuq ir-rwol ewlieni tal-IPM fit-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-pestiċidi, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li din tiġi applikata b'mod xieraq; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-bdiewa jingħataw appoġġ finanzjarju u appoġġ b'mezzi oħra biex jaqilbu għal dawn il-prattiki;
51. Jesprimi tħassib dwar id-definizzjoni ambigwa tal-Kummissjoni tal-frażi "żoni sensitivi" u l-mod li bih il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom jintużaw f'dawn iż-żoni, li fil-prattika jistgħu jwasslu għal tnaqqis fil-produzzjoni agrikola u b'hekk iwasslu għal tnaqqis fl-introjt tal-bdiewa, u fit-terminu medju għal terminu twil iwasslu biex azjendi agrikoli tal-għelejjel li jkunu ta' daqs żgħir u medju jgħibu, riskju akbar li l-azjendi agrikoli jiġu abbandunati, żieda fil-kompetizzjoni inġusta, żieda fil-prezzijiet tal-ikel kif ukoll żieda fl-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, u dawn kollha jaffettwaw b'mod dirett is-sigurtà tal-ikel;
52. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm disponibbli prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkunu effettivi u suffiċjenti billi toħroġ l-awtorizzazzjonijiet b'mod aktar rapidu u billi tevita d-dewmien, tippermetti sett ta' għodod adegwat kontra l-pesti u l-mard, u tiżgura approċċ armonizzat u bbażat fuq ix-xjenza għall-aċċess għal prodotti li jiproteġu l-pjanti mal-UE kollha;
53. Jenfasizza li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti effettivi u suffiċjenti se jibqgħu indispensabbli biex l-għelejjel jiġu protetti minn pesti u mard ġodda sabiex jiġi evitat it-telf fil-produzzjoni tal-ikel; jesprimi tħassib dwar il-possibbiltà li aktar restrizzjonijiet fuq id-disponibbiltà ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jistgħu jimminaw l-isforzi li qegħdin isiru biex jiġi implimentat l-approċċ olistiku tal-IPM.
54. Jikkundanna l-istandards doppji tal-UE dwar il-pestiċidi, li jippermettu l-esportazzjoni mill-UE ta' sustanzi perikolużi li huma stess huma pprojbiti fl-UE; jistieden lill-

Kummissjoni tiżgura r-reċiproċità fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali, b' mod partikolari fir-rigward tal-agrikoltura u l-prodotti agrikoli, u tmexxi bl-eżempju billi tiżgura li l-pestiċidi perikolużi pprojbiti fl-UE ma jiġux esportati lejn pajjiżi sħab, u b'hekk tipprevjeni li r-residwi ta' pestiċidi pprojbiti jiġu tollerati fl-ikel fis-suq tal-UE u ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' infurzar tal-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli (TSD);

It-taħriġ u l-kondiviżjoni tal-għarfien

55. Jistieden lill-Kummissjoni tinnota l-importanza tat-taħriġ tul il-ħajja attiv tal-bdiewa kif ukoll l-importanza tal-appoġġ lil Prattiki ġodda ta' mitigazzjoni u Prattiki agrikoli ġodda sabiex tiżied l-attrattività tas-settur agrikolu u ż-żoni rurali; jisħaq li l-kondiviżjoni tal-għarfien u t-trasferiment tal-għarfien bejn il-pari fuq suġġetti bħalma huma l-ġestjoni tal-art, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, il-Prattiki agro-ekoloġiċi u l-ktajjen tal-valur ġusti u reżiljenti jistgħu jkunu fattur ewlieni biex inrawmu produzzjoni agroalimentari aktar sostenibbli filwaqt li nissalvagwardjaw il-produttività agrikola;

Il-katina tal-provvista tal-ikel

56. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tieħu miżuri addizzjonali biex tiżviluppa katina tal-ikel aktar reżiljenti, aktar trasparenti u aktar ġusta, b' mod partikolari billi ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-produtturi primarji fil-katina tal-provvista tal-ikel kollha kemm hi; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw l-infurzar effettiv tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti u jqisu miżuri li jiġġieldu l-ispekulazzjoni tal-ikel; iqis li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, li jistgħu jinkludu l-kooperattivi, jistgħu jgħinu biex jissaħħaħ ir-rwol tal-bdiewa bħala sidien ta' negozju fil-katina tal-ikel, li jżidu l-valur permezz ta' miżuri innovattivi u jottimizzaw l-ispejjeż tal-produzzjoni billi jgħaqqdu s-servizzi u l-akkwisti;
57. Jisħaq fuq il-ħtieġa tal-użu sħiħ tal-iskemi tal-iskejjeż sabiex jiġi żgurat li t-tfal fil-bżonn ikollhom aċċess għall-ikel; jenfasizza, barra minn hekk, li l-programmi ta' akkwist pubbliku huma ta' utilità fit-trawwim tal-appoġġ pubbliku għax-xiri mingħand bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u produtturi lokali meta jinkiseb ikel nutrittiv għad-distribuzzjoni, u dan jista' jevita l-insigurtà tal-ikel;

In-nisa fiż-żoni rurali

58. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi eliminata d-differenza bejn il-ġeneri fis-settur agroalimentari billi ninvestu fin-nisa u nipromwovu miżuri li jiġbdu aktar nisa lejn is-settur; jindika l-ħtieġa li n-nisa jingħataw appoġġ biex isiru imprendituri, biex in-nisa jsibu impjieġ u biex ikun hemm rappreżentanza politika tan-nisa; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata l-inklużjoni ta' perspettiva tal-ġeneru fil-ġestjoni tas-sigurtà tal-ikel u li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet f' dan ir-rigward;
59. Jisħaq li s-sostenibbiltà tfisser l-ibbilanċjar tal-iżvilupp ekonomiku, l-impatti ambjentali u l-ugwaljanza soċjali, inkluża l-ġustizzja bejn il-ġeneri; jenfasizza l-impatti negattivi fuq il-ġeneru taż-żieda fl-insigurtà tal-ikel peress li n-nisa għandhom it-tendenza li jnaqqsu mill-konsum tal-ikel tagħhom fi żminijiet ta' nuqqas ta' ikel u n-nisa u l-bniet jammontaw għal 60 % ta' dawġ li mhumiex mitmugħa biżżejjed; jinnota li 60 % tan-

nisa li jgħixu fl-Afrika sub-Saħarjana jaħdmu fis-settur agrikolu u huma vulnerabbli ħafna għall-effetti tat-tibdil fil-klima fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel u tal-ilma tagħhom;

L-istrateġija dwar il-fertilizzanti

60. Jenfasizza li s-settur tal-fertilizzanti huwa essenzjali biex is-sigurtà tal-ikel tiġi żgurata fid-dinja kollha; jilqa' l-fatt li fil-komunikazzjoni tagħha dwar l-iżgurar tad-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti (COM(2022)0590), il-Kummissjoni stabbiliet strateġija biex tappoġġa lill-bdiewa jlaħħqu mal-ispejjeż eċċezzjonalment għoljin; iqis, madankollu, li filwaqt li l-komunikazzjoni fiha ċerti rakkomandazzjonijiet ta' politika validi għall-futur medju u fit-tul, hija ma tipprovdix miżuri biex titnaqqas id-dipendenza fuq inputs esterni li kulma jmur qed isiru aktar għoljin, ma tistabbilixxi passi konkreti u ma tipproponix miżuri immedjati adegwati li jappoġġaw lill-bdiewa fil-kriżi kurrenti, u dan jista' jkollu konsegwenzi serji ħafna għas-sigurtà tal-ikel; jisħaq f'dan ir-rigward fuq l-importanza tar-reviżjoni li jmiss tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP);
61. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi viżjoni fit-tul għall-kisba ta' awtonomija strateġika fir-rigward tal-fertilizzanti, u dan sabiex tagħti inċentiva lill-industrija biex iddur għal metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli; jisħaq li l-prattiki fil-qasam tal-biedja u sorsi ta' nutrijenti alternattivi jistgħu jtejbju ċ-ċikli tan-nutrijenti u jnaqqsu d-dipendenza fuq il-fertilizzanti kimiċi, u b'hekk inaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-fertilizzanti; jenfasizza, f'dan il-kuntest, fuq il-ħtieġa li jingħata aktar appoġġ lir-riċerka u l-innovazzjoni fil-livell tal-UE; jenfasizza f'dan ir-rigward li biex tiġi żgurata l-produzzjoni tal-ikel fit-tul, għandhom jintużaw u jiġu żviluppatti bis-siħ ir-riżorsi li huma faċilment disponibbli u prodotti fl-UE, bħalma huma l-fertilizzanti organiċi;
62. Jistieden lill-Kummissjoni tgħolli l-limiti għall-użu ta' fertilizzanti nitroġenużi mid-demel tal-annimali, bħal pereżempju RENURE (REcovered Nitrogen from manURE), diġestat mill-bijoskart u kwalunkwe sors effettiv u vverifikat ieħor; jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-frattemp, tippermetti deroga temporanja biex l-ispejjeż tal-fertilizzanti jitnaqqsu filwaqt li timmira li tintroduċi dispożizzjonijiet ta' qafas fit-tul sabiex tippromwovi l-ekonomija ċirkolari fost l-azjendi agrikoli u tnaqqas id-dipendenza fuq ir-riżorsi ta' pajjiżi terzi; jirrimarka li dawn il-miżuri fuq medda itwal għandhom jinkludu l-abbozzar ta' strateġiji għall-interventi fl-azjendi agrikoli, inkluż fatturi li jirrigwardaw il-pjanijiet ta' ġestjoni tan-nutrijenti, ir-rivitalizzazzjoni tal-ħamrija, il-biedja ta' preċiżjoni, il-biedja organika u l-użu ta' għelejjel leguminużi fi skemi ta' newba tal-għelejjel, u għandhom ikunu akkumpanjati minn perijodi ta' tranżizzjoni twal biżżejjed u ġusti;
63. Jirrikonoxxi li l-industrija tal-fertilizzanti fl-UE għandu jkollha aċċess għall-materja prima meħtieġa biex tipproduċi fertilizzanti fl-UE u biex tiżgura li l-prospettivi ta' ħsad għall-UE ma jitqegħdux f'periklu;
64. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tikseb nutrijenti ewlenin bħall-fosfat u l-putassa minn oriġini oħrajn u jistedinha tgħaġġel il-proċess biex tantiċipa nuqqasijiet ta' stokk li jista' jkun hemm fil-futur;

Niġġieldu t-telf u l-ħela tal-ikel

65. Itenni li madwar terz tal-ikel kollu prodott madwar id-dinja jintilef jew jinħela f'xi stadju jew ieħor tal-katina tal-provvista tal-ikel mill-għalqa sa ma jasal għall-platt; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-telf u l-ħela tal-ikel jistgħu jiġu evitati jekk jiġi implimentat approċċ olistiku li jinkludi miżuri dwar l-użu ta' imballaġġ sostenibbli u riċiklabbli, u jistgħu jiġu evitati wkoll jekk il-mard fl-annimali jiġi evitat u kkontrollat; jemmen li t-telf u l-ħela tal-ikel jistgħu jitnaqqsu kemm jista' jkun anki jekk jittieħdu miżuri li jnaqqsu l-preżenza ta' patoġeni fl-ikel, pereżempju billi jiżguraw iġjene xierqa u jużaw teknoloġiji mtejba matul il-katina tal-valur kollha kemm hi;
66. Jenfasizza l-effetti pożittivi li l-appoġġ lill-produzzjoni lokali u l-konsum ta' prodotti staġjonali u lokali minn ktajjen tal-ikel qosra u ġenwini jista' jkollhom biex titnaqqas il-ħela tal-ikel; jisħaq fuq l-effetti pożittivi li l-edukazzjoni tal-konsumatur fuq dan is-suġġett jista' jkollha f'dan ir-rigward; ifakkar li t-tnaqqis tal-ħela tal-ikel jista' jikkontribwixxi bil-qawwi għas-sigurtà tal-ikel mad-dinja kollha; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tippromwovi kampanji biex tqajjem kuxjenza fost il-produtturi, il-konsumaturi u l-bejjieġha dwar kemm hu importanti li nevitaw kwalunkwe tip ta' ħela tal-ikel u dwar ir-riperkussjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali li din il-ħela tista' tikkawża; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri biex jimplementaw programmi ta' prevenzjoni tal-ħela tal-ikel li jkunu effettivi; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom ukoll itejbu l-kejl tal-volumi ta' ħela tal-ikel u jissorveljaw il-ħela tal-ikel matul il-katina ta' provvista kollha; jistieden lis-supermarkets, b'mod partikolari, biex jindirizzaw b'urġenza l-kwistjoni tal-ħela tal-ikel li tista' tiġi evitata permezz ta' modi alternattivi, pereżempju billi jaħdmu ma' proġetti komunitarji lokali bħalma huma l-banek tal-ikel, biex itaffu l-faqar tal-ikel u l-insigurtà tal-ikel fuq il-livell lokali;
67. Iqis li hemm urġenza biex jittieħdu l-miżuri neċessarji biex tinbidel il-perċezzjoni tal-“prodotti tal-ikel mhux perfetti”, jiġifieri dawk il-prodotti tal-ikel li d-dehra tagħhom ma tissodisfax l-istandards tas-suq minkejja li dan ma jaffettwax it-togħma jew il-valur nutrizzjonali tagħhom, u l-bżonn li tinbidel il-leġiżlazzjoni dwar id-data li tindika “l-aħjar kwalità sa/sa meta l-aħjar jiġu kkunsmati” fuq it-tikketti tal-ikel;
68. Jirrimarka li l-OIE tqis li madwar 20 % tal-produzzjoni dinjija tal-ikel tintilef minħabba mard fl-annimali tal-irziezet u li, għalhekk, waħda mill-prijoritajiet li għandha tiġi kkunsidrata biex nitimġhu lid-dinja hija li nnaqqsu l-okkorrenza ta' dan il-mard;

Il-bijokarburanti:

69. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa perspettiva realistika għall-produzzjoni tal-bijokarburanti li tiegħu inkunsiderazzjoni l-istrateġija tal-UE dwar il-proteini, peress li l-waqfien tal-produzzjoni tal-bijokarburanti jwassal ukoll għall-eliminazzjoni ta' prodotti sekondarji b'livelli għolja ta' proteini, u b'hekk il-kriżi tal-ikel aktar tiggrava milli tittaffa; jistieden lill-UE tagħti prijorità lill-produzzjoni tal-ikel aktar milli lill-produzzjoni tal-bijokarburant ibbażata fuq l-għelejjel;
70. Jenfasizza r-rwol importanti tal-bdiewa fil-produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli fl-UE u l-ħtieġa li neliminaw il-limiti attwali dwar l-awtokonsum biex nippermettu kontribut konkret lejn l-iżvilupp tal-aħjar Prattiki għal ekonomija ċirkolari u produzzjoni ta'

enerġija nadifa;

Il-bhejjem

71. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-atturi ekonomiċi biex jaħsbu b' mod strateġiku dwar x' post għandu jingħata lill-biedja sostenibbli tal-bhejjem fit-territorji Ewropej kollha, u dan billi jieħdu inkunsiderazzjoni, b' mod partikolari, ir-rwol tagħha fiċ-ċiklu tan-nitroġenu u l-provvista ta' emendi organiċi għall-għelejjel, l-aħjar użu minn kull tip ta' ħamrija agrikola u l-promozzjoni ta' dieta varjata u bbilanċjata; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw biżżejjed fondi pubbliċi għas-setturi agrikoli kollha biex jevitaw l-effetti negattivi, li jinkludu n-nuqqas tal-produzzjoni tal-ikel fl-UE li min-naħa tiegħu jista' jimmina s-sigurtà tal-ikel;

Ir-riżorsi naturali

72. Jenfasizza l-kontribut li biedja aktar sostenibbli u effiċjenti li tippreserva r-riżorsi naturali bħalma huma l-ħamrija, l-ilma u l-foresti tagħti għas-sigurtà tal-ikel. Din it-tip ta' biedja tikseb vantaġġ mill-opportunitajiet li joffru l-bjoenerġija sostenibbli u l-bjoekonomija sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali li tilħaq bilanċ u tiġġenera sinerġiji fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tikkonċerna s-settur agrikolu;
73. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi programm speċifiku biex tappoġġa lill-Istati Membri jtejbu l-ġestjoni tal-ilma fl-agrikoltura, l-iffrankar tal-ilma u l-kapaċità ta' ħżin tal-ilma billi jikkompletaw, jimmodernizzaw u jottimizzaw il-faċilitajiet ta' irrigazzjoni eżistenti kif ukoll jipromwovu infrastruttura ġdida filwaqt li jikkonformaw mar-regoli ambjentali applikabbli u jtejbu l-kapaċità ta' ħżin tal-kontenut ta' tira, li jżid ir-reżiljenza tas-sistema tal-produzzjoni agrikola u jiggarrantixxi l-provvista tal-ilma; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-iżvilupp, il-ħażna u l-użu tal-ilma mormi ttrattat għall-agrikoltura; jappella għal implimentazzjoni mgħaġġla tal-politika ta' koeżjoni u ta' miżuri speċifiċi ta' żvilupp tal-infrastruttura biex niġġieldu n-nixfiet estremi fl-Ewropa;
74. Jenfasizza kif il-kunflitt, il-kriżi tal-klima u tal-bijodiversità u l-pandemija kienu punti ta' bidla għall-ġuħ fid-dinja, li preċedentement kien qed jonqos, iżda li issa qed jaffettwa madwar 10 % tal-popolazzjoni dinjija; jenfasizza l-ħtieġa ta' sforzi kontinwi biex jerġgħu jibdedu u jinżammu l-esportazzjonijiet taċ-ċereali tal-Ukrajna, li għandhom itaffu l-pressjonijiet fin-Nofsinhar Globali; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, tintensifika l-isforzi fid-"diplomazija tal-ikel", filwaqt li żżomm f'moħħha li fil-preżent l-Unjoni hija waħda mill-akbar produttori globali tal-qamħ u li n-nuqqasijiet fil-provvista tal-ikel fin-Nofsinhar Globali jistgħu jagħmlu lil dawn il-pajjiżi terzi aktar vulnerabbli għall-influenza ta' reġimi awtoritarji;
75. Jisħaq li teknoloġiji diġitali innovattivi ma għandhomx joħolqu dipendenzi fuq mogħdijiet ġodda, u jenfasizza li dawn ma għandhomx isaħħu l-konċentrazzjoni tal-azjendi agrikoli iżda għandhom ikunu disponibbli u aċċessibbli għall-bdiewa fuq skala żgħira;
76. Jemmen li l-produzzjoni tal-enerġija fuq skala żgħira fl-azjendi agrikoli stess għandha potenzjal enormi fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija fiż-żoni rurali u biex tiżdied

iċ-ċirkolarità fl-azjendi agrikoli stess billi l-iskart u l-flussi ta' residwi tal-azjenda agrikola, bħad-demel fost l-oħrajn, jiġu ttrasformati fi sħana u elettriku; jenfasizza li l-ostakli kollha għandhom jitneħħew biex iħeġġu lill-bdiewa jinvestu f'dawn it-teknoloġiji tal-azjendi agrikoli ċirkolari, bħalma huma l-impjanti fuq skala żgħira tal-bijogass; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-użu ta' dawn l-installazzjonijiet innovattivi; jisħaq fuq il-ħtieġa li jsir użu mir-residwi ta' dan il-proċess, bħal pereżempju r-RENURES, li għandhom jiġu maqsuma f'kategoriji u użati bħala fertilizzanti kimiċi;

77. Iqis li jista' jsir kontribut għas-sigurtà tal-ikel anki permezz ta' proġetti ffinanzjati taħt il-kapitlu REPowerEU l-ġdid u jħeġġeġ biex jiġu adottati proġetti li huma ta' benefiċċju kemm għas-settur tal-enerġija kif ukoll għal dak tal-agrikoltura;
78. Jenfasizza l-ħtieġa li l-ġestjoni tal-provvista tibqa' tiġi appoġġata permezz ta' appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi u organizzazzjonijiet interprofessjonali;
79. Jissottolinja l-fatt li l-bdiewa Ewropej jissodisfaw l-aktar rekwiżiti stretti ta' produzzjoni fid-dinja u jisħaq li l-politiki ma għandhomx iwasslu għar-rilokazzjoni tal-produzzjoni jew għal kundizzjonijiet mhux ekwivalenti ta' kompetizzjoni;

Il-PAK u l-futur tal-bdiewa

80. Itenni li l-PAK għandha tkompli tiżgura s-sigurtà tal-ikel waqt li ttejjeb ir-rispons għat-talbiet il-ġodda tas-soċjetà għal ikel sostenibbli u nutrizzjoni aktar sana; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurati li l-bdiewa jkollhom sors ta' introjtu prevedibbli u jistgħu jaqilgħu l-għixien tagħhom mill-attività tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, tappoġġa l-baġit tal-PAK fil-QFP biex tiżgura kemm it-tranżizzjoni tas-sigurtà tal-ikel u t-tranżizzjoni ekoloġika u fl-istess waqt ttiprovdi l-ingranaġġ meħtieġ għall-investimenti;
81. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu n-nuqqas fl-għadd ta' azjendi agrikoli fiż-żoni rurali u jenfasizza fuq il-ħtieġa li niffukaw fuq l-appoġġ għat-tkomplija tal-biedja u għall-innovazzjoni; jenfasizza l-kontribut ta' azjendi agrikoli żgħar għall-awtonomija tal-ikel sostenibbli u s-sigurtà tal-ikel tal-UE, b'mod partikolari fis-sistemi tal-ikel lokali, u jisħaq fuq l-importanza li niżguraw li l-produtturi fuq skala żgħira jkunu involuti b'mod xieraq fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet meta dawn ikunu affettwati;
82. Jistieden lill-Kummissjoni, meta tabbozza l-komunikazzjoni tagħha dwar il-PAK futura, tqis li tagħmel politika li tintegra l-produzzjoni tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel b'mod koerenti, filwaqt li tiżgura l-koerenza tagħha mal-politika tal-kummerċ, mal-politika ambjentali, mal-politika umanitarja u mal-politika ta' żvilupp internazzjonali;
83. Jilqa' bi ħġaru u jappoġġa l-kummenti tal-Kummissarju għall-Agricoltura, li qal li l-baġit attwali għall-PAK, li huwa anqas minn 0.4 % tal-PDG tal-UE, ma huwiex suffiċjenti biex jipprovdi s-sigurtà tal-ikel, u li għaldaqstant dan l-ammont għandhom jogħla b'mod kunsiderevoli sa mhux aktar mill-QFP li jmiss; jappella biex fir-riżerva għall-kriżijiet agrikoli jintefgħu riżorsi addizzjonali apparti l-fondi attwali tal-PAK u biex, jekk tintefaqq kollha, ir-riżerva għall-kriżijiet timtela mill-ġdid permezz ta' mezzi li mhumiex id-dixxiplina baġitarja, peress li dan ikun ifisser li lill-bdiewa nkunu qed

naghtuom fondi tal-UE biex jaffaċċjaw il-kriżi minn naħa, imma min-naħa l-oħra nkunu qed nohduhomlhom lura permezz ta' ħlasijiet diretti;

84. Jenfasizza l-importanza li nidentifikaw mod aktar flessibbli ta' kif ir-rekwiżiti tal-PAK jiġu applikati, u dan permezz tal-inklużjoni ta' ħlasijiet bil-quddiem lill-produtturi u billi ngħollu l-livell ta' dawn il-ħlasijiet;
85. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-ġhajjnuna Ewropea tilħaq lill-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli malajr kemm jista' jkun u tadatta ruħha għall-kuntest ta' kriżijiet multidimensjonali, u l-importanza ta' approċċ umanitarju msaħħaħ; jissottolinja l-fatt li, fl-2022, il-Kummissjoni allokata aktar minn EUR 900 miljun għall-assistenza umanitarja tal-ikel, li kienet 60 % aktar milli fl-2021 u kważi 80 % aktar milli fl-2020;
86. Jitlob lill-UE tiżgura l-kontinwità bejn l-ġhajjnuna umanitarja, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-azzjonijiet ta' paċi sabiex jiġu indirizzati l-kawżi profondi tal-insigurtà tal-ikel u jiġu indirizzati d-dgħufijiet tas-sistemi tal-ikel fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, f'konformità mal-approċċ nexus;

Ekosistemi reżiljenti u diversi bħala xprun tas-sigurtà tal-ikel

87. Josserva li l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq il-produzzjoni agrikola qiegħed isir aktar evidenti, fejn l-għelejjel u r-rendimenti qed ikunu milquta b'mod negattiv minħabba ż-żieda fil-frekwenza ta' nixfiet, għargħar u kundizzjonijiet estremi tat-temp oħra;
88. Ifakkar li d-degradazzjoni tal-bijodiversità, speċjalment tal-ispeċi li jipproduċu l-għasel, tikkontribwixxi biex ir-rendiment agrikolu jonqos u b'hekk timmina s-sigurtà tal-ikel tagħna; jenfasizza li l-agrikoltura tibbaża ruħha fuq ekosistemi reżiljenti, b'mod partikolari ekosistemi tal-ħamrija funzjonali, u popolazzjonijiet suffiċjenti ta' dakkara u predaturi ta' pesti; jisħaq li jekk inżidu r-reżiljenza tal-agrikoltura Ewropea għall-klima s-settur ikun jista' jibqa' kompetittiv fis-suq globali, u b'hekk jipprovdi l-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku;
89. Jilqa' l-analiżi komprensiva tal-Kummissjoni tal-fatturi li jixprunaw is-sigurtà tal-ikel; jissottolinja l-konklużjonijiet tagħha li jindikaw l-urġenza ta' tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel sostenibbli li tkun kapaċi tiżgura s-sigurtà tal-ikel kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul;

Id-dimensjoni internazzjonali tas-sigurtà tal-ikel

90. Jenfasizza fuq il-ħtieġa urġenti li l-politika kummerċjali tal-UE tkun konformi mal-istandards Ewropej għal ikel sostenibbli biex ma xxekklix il-kompetittività tal-UE; jinnota li l-UE għandha rwol ewlieni fil-kummerċ globali tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel, u li huwa fundamentali li l-politika kummerċjali tal-UE tkun taqbel ukoll mal-miri Ewropej fir-rigward tas-sostenibbiltà;
91. Jappella biex, fin-negozjati u l-ftehimiet kummerċjali bilaterali u multilaterali jkun hemm kapitlu ddedikat għall-prodotti tal-ikel u l-prodotti agrikoli, u biex dawn ma jitqisux bħala sempliċi pedini ta' negozjar; jesprimi tħassib dwar l-impatt li ż-żieda fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles mingħajr dispożizzjonijiet sodi dwar is-sostenibbiltà kellha fuq is-settur

agrikolu Ewropew, li ta' spiss jaffaċċja kompetizzjoni inġusta minn produtturi minn pajjiżi terzi li huma suġġetti għal leġiżlazzjoni ħafna anqas stretta; jappella, barra minn hekk, għal reċiproċità akbar bejn il-produtturi Ewropej u l-produtturi minn pajjiżi terzi dwar l-istandards tal-produzzjoni;

92. Jenfasizza li s-sigurtà tal-ikel huwa suġġett kumpless u multidimensjonali u li teħtieġ approċċ koerenti u integrat li jieħu inkunsiderazzjoni l-isfidi attwali minn perspettivi differenti: l-iżvilupp ekonomiku, kummerċjali, ambjentali, reġjonali u internazzjonali;
93. Jenfasizza fuq ir-responsabbiltà tal-UE mhux biss li tiżgura l-provvista tal-ikel tagħha stess, iżda li tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-ġuħ f'partijiet oħra tad-dinja li jkunu żvantaġġati; jissottolinja li l-UE għandha tappoġġa pajjiżi sħab biex jistabbilixxu objettivi ambjentali għoljin, kif ukoll tassisthom u tiggwidahom f'din it-tranżizzjoni meta meħtieġ; jenfasizza li s-sħab minn pajjiżi li qed jiżviluppaw u pajjiżi li jinsabu f'sitwazzjoni fraġli fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel, li jafu jeħtieġu trattament speċjali u differenti, għandhom jingħataw kunsiderazzjoni xierqa;
94. Iqis li fi żmien medju għal twil, bħala attur dinji ewlieni fis-settur agroalimentari l-UE għandha tippromwovi kriterji ta' sostenibbiltà dinjin oġġa u timpenja ruħha ma' sħab internazzjonali biex flimkien jiżviluppaw punti ta' riferiment u standards internazzjonali għal sistemi tal-ikel reżiljenti u sostenibbli li jimxu mar-regoli tad-WTO;
95. Jenfasizza li l-finanzjament umanitarju u għall-iżvilupp, kif ukoll miżuri oħrajn, li jindirizzaw il-ġuħ u l-malnutrizzjoni fl-Ewropa u lil hinn minnha għandhom bżonn jiżiedu bil-qawwi biex jindirizzaw b'mod xieraq il-kriżi dinjija tas-sigurtà tal-ikel, li ġiet iggravata mill-gwerra fl-Ukrajna;
96. Jisħaq li l-Kummissjoni għandha tiżviluppa strateġija integrata ġenwina mal-pajjiżi sħab tagħha sabiex tteġġeg l-iżvilupp, it-tisħiħ u l-espansjoni tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-ikel lokali, tnaqqas il-vulnerabbiltajiet assoċjati mad-dipendenzi internazzjonali, speċjalment fir-rigward tal-fertilizzanti u ċ-ċereali, filwaqt li ssaħħa is-swieq lokali u reġjonali permezz ta' programmi infrastrutturali, bħal programmi għall-infrastruttura tas-suq, għas-sistemi tat-tkessiħ u t-toroq, u kif ukoll għas-swieq tal-bdiewa online, sabiex tissaħħa, b'mod partikolari, ir-reżiljenza tal-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar, speċjalment fil-qafas tal-Inizjattiva Global Gateway;
97. Jiddeplora l-ispekulazzjoni finanzjarja fuq il-prodotti bażiċi tal-agrikoltura u tal-ikel, li qed taggrava l-volatilità tal-prezzijiet u qed tgħolli l-prezzijiet tal-bejgħ bl-ingrossa; jinnota bi tħassib li l-ispekulazzjoni finanzjarja fuq il-prodotti bażiċi tal-ikel taffettwa b'mod partikolari lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u lill-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari f'kuntest ta' gwerra; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq jevalwaw ir-rwol u l-firxa tal-ispekulazzjoni fl-iffissar tal-prezzijiet tal-prodotti bażiċi;
98. Jissottolinja li statistika trasparenti dwar l-istokkijiet taċ-ċereali kemm mill-partijiet ikkonċernati pubbliċi kif ukoll minn dawk privati hija essenzjali; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-operaturi tan-negozji tal-ikel jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex isaħħu r-regoli ta' trasparenza dwar il-prezzijiet u l-istokkijiet agrikoli

globali, b’mod partikolari billi jsaħħu u jestendu s-Sistema ta’ Informazzjoni dwar is-Swieq Agrikoli;

99. Jirrimarka li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma l-aktar vulnerabbli għaż-żieda fil-prezzijiet globali tal-ikel u tal-agrikoltura, li jheddu l-aċċessibbiltà tal-prezzijiet tal-ikel; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu fuq il-proposta tal-FAO li għandha l-għan li tistabbilixxi faċilità ta’ finanzjament għall-importazzjoni tal-ikel biex tgħin lill-pajjiżi b’introjtu baxx li huma l-aktar dipendenti fuq l-importazzjonijiet tal-ikel jaċċessaw is-swieq globali tal-ikel; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li r-regoli kummerċjali jiġu żviluppati, inkluż dawk li jaqgħu taħt il-mandat tad-WTO, bl-għan li l-pajjiżi b’introjtu baxx jiġu megħjuna jibnu sistemi tal-ikel lokali aktar b’saħħithom;
100. Jisħaq fuq il-ħtieġa li niffukaw aktar fuq azzjonijiet fl-agrikoltura li jħarsu d-dritt għas-sigurtà tal-ikel tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw bħala prijorità u li jżidu l-kapaċità tagħhom li jissodisfaw ir-rekwiżiti nutrizzjonali tal-popolazzjonijiet tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ aktar sistematiku għad-determinazzjoni u għall-valutazzjoni tal-impatt tal-politiki tal-UE dwar l-oġettivi tal-PCD;
101. Jilqa’ l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jallokaw kważi EUR 8 biljun f’għajjnuna umanitarja u għall-iżvilupp għas-sigurtà tal-ikel globali fil-perjodu 2021-2024, inklużi EUR 600 miljun oħra biex jgħinu lill-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP) jindirizzaw il-konsegwenzi tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew, kull sena sal-2024, dwar l-għanijiet, il-miżuri u r-risultati ta’ dan l-impenn;
102. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-għajjnuna umanitarja u l-assistenza għall-ikel u jżidu s-servizzi ta’ nutrizzjoni essenzjali u jadottaw miżuri suffiċjenti għal żmien qasir u għat-tul oħrajn fil-pajjiżi u r-reġjuni l-aktar vulnerabbli, b’mod partikolari d-19-il “hotspot tal-ġuħ” identifikati mill-FAO u mid-WFP li għadhom ibatu minn nuqqas ta’ finanzjament umanitarju li jindirizza l-ġuħ u l-malnutrizzjoni;
103. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet Ewropej tal-finanzi għall-iżvilupp joħolqu sinerġiji bejn l-istrument NDICI – Ewropa Globali u l-istrateġija l-għdida tal-Global Gateway, bl-użu tal-approċċ ta’ Tim Ewropa, sabiex jikkoordinaw l-investimenti fis-sigurtà tal-ikel fil-pajjiżi sħab; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, fil-proċess ta’ rieżami ta’ nofs it-terminu tal-istrument NDICI - Ewropa Globali, teżamina mill-qrib l-ammonti u l-proġetti assoċjati mas-sigurtà tal-ikel fil-pajjiżi sħab u tivvaluta bis-sħiħ l-effettività tal-miżuri appoġġati;
104. Jilqa’ t-tnedija ta’ diversi inizjattivi multilaterali għas-sigurtà tal-ikel; jistieden, madankollu, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwettqu rwol ewlieni fil-koordinazzjoni tad-diversi inizjattivi biex jiġi żgurat impenn internazzjonali effettiv għas-sigurtà tal-ikel globali; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġaw l-istabbiliment ta’ mekkaniżmu internazzjonali ta’ tħejjija u rispons għall-kriżijiet tal-ikel, taħt il-patroċinju tal-FAO u tad-WFP, bl-għan li jiġu identifikati r-riskji u l-vulnerabbiltajiet, b’mod partikolari fl-infrastruttura kritika tal-ikel u l-ktajjen tal-provvista, u tittejjeb il-koordinazzjoni tar-reazzjonijiet waqt il-kriżijiet; jappoġġa, barra minn hekk, l-iżvilupp ta’ riżervi strateġiċi tal-ikel, minħabba r-rwol li l-istokkijiet jista’

jkollhom biex itaffu l-impatti tal-kriżijiet tal-ikel; jitlob li jissaħħaħ ir-rwol tan-Network Globali Kontra l-Kriżijiet tal-Ikel;

105. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li proporzjon sinifikanti tal-pakkett ta' 30 % tal-fondi tal-NDICI-Ewropa Globali assenjat għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima jiġi allokat għal proġetti li jtejbju r-reżiljenza u l-adattament tal-agrikoltura għat-tibdil fil-klima, inkluż permezz tal-istabbilizzazzjoni ta' għoljiet, ir-reklamazzjoni tal-art, ir-riforestazzjoni, l-irrigazzjoni, il-ġestjoni tal-baċiri idrografiċi u l-appoġġ għall-isforzi edukattivi dwar din il-kwistjoni; jinsisti li dawk l-investimenti għandhom ikunu konformi mal-Aġenda 2030, il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u jqisu l-VGGT tal-FAO u tas-CFS u l-Prinċipji tal-FAO u tas-CFS għal Investiment Responsabbli fis-Sistemi tal-Agrikoltura u tal-Ikel;
 106. Jinnota li skont l-FAO n-nisa jirrappreżentaw sa 43 % tal-forza tax-xogħol agrikola globali, u b'hekk għandhom rwol vitali fiż-żoni rurali, iżda minkejja dan xorta jiffaċċjaw diskriminazzjoni sinifikanti f'dak li għandu x'jaqsam mas-sjieda tal-art u tal-bhejjem, il-paga ugwali, il-parteċipazzjoni fl-entitajiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-kreditu u għas-servizzi finanzjarji; jenfasizza li t-tfal u n-nisa huma l-aktar vulnerabbli għall-insigurtà tal-ikel;
 107. Jišhaq li d-disparità globali bejn il-ġeneri fl-insigurtà tal-ikel kibret f'dawn l-aħħar snin, b'mod partikolari minħabba inugwaljanza prevalenti bejn il-ġeneri u diskriminazzjoni fil-pajjiżi kkonċernati; jappella għalhekk biex jittieħdu azzjonijiet u miżuri li jappoġġaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fis-settur tal-biedja u jirrimarka li l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel huwa wieħed mill-modi ta' kif jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel; jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-pajjiżi šhab jiżguraw li n-nisa, inklużi l-organizzazzjonijiet tan-nisa, ikunu involuti fl-abbozzar ta' programmi u fl-implimentazzjoni ta' proġetti kif ukoll fil-proċessi ta' teħid tad-deċiżjonijiet għall-ġlieda kontra l-insigurtà tal-ikel;
 108. Jenfasizza li l-ħolqien ta' impjegi vijabbli fl-agrikoltura huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul ta' dan is-settur fuq livell globali; ifakkar li l-investimenti fis-settur tal-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar irendu l-aħjar redditi f'termini ta' tnaqqis tal-faqar u tkabbir, u b'hekk jissaħħaħ l-introjtu tal-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar, speċjalment il-bdiewa nisa b'azjendi agrikoli żgħar;
 109. Jistieden lill-Kummissjoni tabbozza politika li tintegra l-produzzjoni tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel b'mod koerenti, filwaqt li tiżgura l-koerenza tagħha mal-politika tal-kummerċ, mal-politika ambjentali, mal-politika umanitarja u mal-politika ta' żvilupp internazzjonali;
-
- ◦
110. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

L-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel għandu jkun prijorità ewlenija. Għaldaqstant, l-UE u l-Istati Membri għandhom jassumu r-responsabbiltajiet tagħhom li jipprovdu għaċ-ċittadini tagħhom filwaqt li jikkontribwixxu, fl-istess ħin, għas-sigurtà tal-ikel fil-livell globali.

Il-pandemija tal-COVID-19, l-impatt tat-tibdil fil-klima u l-aggressjoni militari brutali tar-Russja kontra l-Ukrajna kixfu l-vulnerabbiltà tas-sistemi tal-ikel tal-UE, qajmu biża' ta' kriżi globali tal-ikel u wrew l-importanza tal-awtosuffiċjenza fl-ikel.

Dawn l-avvenimenti juru biċ-ċar ukoll li l-UE teħtieġ aktar awtonomija strateġika. Għalkemm dan huwa minnu fir-rigward ta' oqsma bħad-difiża u l-provvista tal-enerġija u tal-mediċini, huwa aktar u aktar importanti li l-UE tkun kapaċi tiżgura l-produzzjoni u l-provvista ta' prodotti bażiċi agrikoli ta' valur għoli u b'hekk tiżgura s-sigurtà tal-ikel f'kull ħin.

Dawn l-oġġettivi huma mistennija li jinkisbu billi tiżdied il-kapaċità għall-produzzjoni agrikola sostenibbli, jittejjbu l-kanali ta' distribuzzjoni permezz tal-ktajjen tal-provvista tal-UE u jiġu żgurati l-provvisti tal-ikel biex jiġu evitati kriżijiet tal-ikel globali possibbli.

Jeħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tiżgura li s-suq intern Ewropew ikompli jiffunzjona tajjeb, inkluż fi żminijiet ta' kriżi, u biex telimina l-ostakli mhux tariffarji kollha fis-settur agroalimentari fi ħdan is-suq intern, inkluża l-eliminazzjoni tal-konġestjonijiet fit-trasport.

Il-loġistika u t-trasport huma elementi integrali għar-reżiljenza tal-katina tal-provvista tal-ikel. It-trasport ta' prodotti agrikoli friski u ż-żamma ta' ktajjen ta' produzzjoni, provvista u distribuzzjoni għandhom jiġu ggarantiti l-ħin kollu u m'għandhomx jiġu affettwati minn miżuri restrittivi mhux ġustifikati fis-suq intern.

Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tipproponi appoġġ finanzjarju addizzjonali għas-setturi l-aktar affettwati miż-żidiet fil-prezzijiet u tieħu miżuri mmirati biex tgħin lill-bdiewa jassorbu l-effetti tal-prezzijiet tal-fertilizzanti li qed jogħlew ħafna. It-twarrib ta' art fertili u projbizzjonijiet mhux immirati fuq l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti huma irresponsabbli fil-kuntest tal-kriżi attwali tal-provvista u l-inflazzjoni li qed tiżdied.

Is-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza tal-agrikoltura tal-UE jiddependu fil-biċċa l-kbira fuq id-disponibbiltà tar-riżorsi tal-ilma, li qed isiru aktar skarsi fl-Ewropa. Din il-problema għandha tagħti lill-UE inċentiva addizzjonali biex tiffoka fuq teknoloġiji ġodda li jipromwovu l-agrikoltura sostenibbli, sew jekk teknoloġiji diġitali, kif ukoll teknoloġiji ġodda tat-tnissil jew sistemi agroforestali; l-isfidi futuri jeħtieġu strateġija komprensiva li tikkombina l-biedja ta' preċiżjoni u l-protezzjoni tar-riżorsi.

L-agrikoltura fl-UE għandha tkompli tappoġġa produttività sostenibbli permezz tal-aħjar użu possibbli tal-fatturi ta' produzzjoni u l-isfruttar għaqli tal-progress teknoloġiku sabiex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel, prezzijiet raġonevoli għall-konsumaturi u tkabbir ekonomiku ġust fiż-żoni rurali.

2.3.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar l-iżgurar tas-sigurtà alimentari u r-reżiljenza fit-tul tal-agrikoltura tal-UE (2022/2183(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Anja Hazekamp

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi n-natura u l-bijodiversità huma l-pedamenti tal-ikel u, mingħajr azzjoni politika b'saħħitha għall-konservazzjoni u r-restawr tan-natura u l-bijodiversità, inkluż l-aċċess għal ilma nadif u kundizzjonijiet tajbin għad-dakkara, is-sigurtà tal-ikel għaċ-ċittadini kollha u d-dritt għall-ikel se jiġu pperikolati b'mod irriversibbli;
- B. billi n-NU identifikaw is-sistema globali attwali tal-ikel bħala l-fattur primarju tat-telfien tal-bijodiversità, tal-organiżmi selvaġġi u tal-ħabitats; billi fl-2020, bl-ikel li jirrappreżenta madwar 45 % tal-impatti ambjentali tal-konsum tal-UE, is-sistema tal-ikel tal-UE waħedha qabżet diversi limiti planetarji, inkluż fir-rigward tat-tibdil fil-klima, l-ekotossiċità tal-ilma ħelu minħabba l-materja partikolata u l-flussi bijoġeokimiċi taċ-ċikli tan-nitroġenu u tal-fosforu; billi dan jikkomprometti serjament il-vijabbiltà u r-reżiljenza fit-tul tal-fondazzjoni ambjentali tas-sistema tal-ikel¹;
- C. billi n-natura u l-bijodiversità jinteraġixxu mal-agrikoltura, l-ikel u n-nutrizzjoni f'għadd ta' kwistjonijiet ewlenin, billi jipprovdu varjetà ta' pjanti u annimali minn sorsi domestikati u selvaġġi;
- D. billi l-kriżijiet tal-klima u tal-bijodiversità huma theddida diretta għall-produzzjoni tal-ikel permezz ta' avvenimenti estremi tat-temp (inklużi nixfiet eċċezzjonali fin-Nofsinhar tal-Ewropa), kundizzjonijiet tal-biedja li jinbidlu malajr u billi tixpruna kunflitti dwar riżorsi skarsi;
- E. billi, skont l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura (FAO) tan-Nazzjonijiet Uniti, il-kunċett tas-sigurtà tal-ikel mhuwiex limitat għall-provvista tal-ikel, iżda jinkludi wkoll

¹ Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-4 ta' Jannar 2023 bit-titolu, "Drivers of food security" (Fatturi tas-sigurtà tal-ikel), SWD(2023)0004, li jibni fuq sorsi xjentifiċi oħra.

id-dritt tal-bniedem rikonoxxut fuq livell internazzjonali għall-ikel u aċċess stabbli u bi prezzijiet raġonevoli għal dieti tajbin għas-saħħa u nutrittivi għal kulħadd;

- F. billi l-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u illegali tal-Ukrajna mir-Russja rriżultat f'telf serju ta' ħajjiet u għajxien kif ukoll dannu ambjentali u materjali, filwaqt li fixklet ukoll is-sigurtà tal-ikel kemm fl-Ukrajna kif ukoll globalment;
- G. billi l-pandemija tal-COVID-19 u l-invażjoni mhux provokata Russa fl-Ukrajna kixfu problemi strutturali tal-ktajjen tal-provvista tal-ikel tal-UE, filwaqt li fl-istess ħin il-produzzjoni primarja hija vulnerabbli ħafna għall-impatti tat-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità; billi l-kost tan-nuqqas ta' azzjoni jisboq bil-kbir il-kostijiet relatati mat-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel reżiljenti; billi l-UE jeħtieġ li tnaqqas aktar l-emissjonijiet, iżżid il-konservazzjoni tal-bijodiversità u s-soluzzjonijiet agroekoloġiċi u li titbiegħed mill-fertilizzanti mill-fjuwils fossili;
- H. billi data tal-passat u ta' tbassir dwar il-produzzjoni agrikola tal-UE mill-2010 sal-2020 turi li l-UE hija relattivament awtosuffiċjenti fir-rigward ta' komoditajiet li jistgħu jiġu prodotti fiż-żoni klimatiċi tal-Ewropa u mhijiex dipendenti żżejjed mill-importazzjonijiet tal-ikel, li jistgħu potenzjalment jipperikolaw il-provvista tal-ikel; billi għad hemm ċerti eċċezzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-importazzjoni taż-żrieragħ li minnhom jintgħasar iż-żejt u l-ikel maħsub għall-ġhalf tal-annimali;
- I. billi t-tiżiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel tal-UE biex tiġi sostnuta s-sigurtà tal-ikel jirrikjedi approċċ multidimensjonali, olistiku u integrat sabiex titnaqqas il-pressjoni fuq ir-riżorsi naturali; billi dan jinkludi azzjoni mmirata lejn it-tnaqqis tat-tniġġis u l-inputs kimiċi, l-għeluq taċ-ċikli tan-nutrijenti, it-trawwim tal-bijodiversità, il-promozzjoni tal-użu sostenibbli tal-ilma ħelu u tal-baħar u s-saħħa tal-ħamrija, it-treġġiġħ lura tat-tnaqqis tad-dakkara, kif ukoll adattament effettiv għat-tibdil fil-klima b'tali mod li jżomm servizzi vitali tal-ekosistemi;
- J. billi wieħed mill-oġġettivi ewlenin tal-Patt Ekoloġiku tal-UE, l-istrateġija għall-bijodiversità, l-istrateġija mill-għalqa sal-platt u l-politiki relatati tagħha huwa li jittrasformaw is-sistema tal-ikel tal-UE lejn reżiljenza fit-tul, produzzjoni b'saħħitha u katina tal-provvista qasira li tiżgura s-sigurtà tal-ikel²;
- K. billi għadha teżisti l-problema tal-ħela tal-ikel, b'madwar 20 % tal-ikel kollu prodott jintilef jew jinħela fid-diversi stadji tal-katina alimentari fl-UE; billi fl-istess ħin, madwar 36.2 miljun persuna mhumiex f'pożizzjoni finanzjarja biex jieklu ikla ta' kwalità kull jumejn³; billi l-ħela tal-ikel tikkawża 6 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tal-UE;
- L. billi madwar 60-70 % tal-ħamrija agrikola tal-UE bħalissa qed tiflew il-karbonju organiku, qed tirċievi aktar nutrijenti milli teħtieġ (li jaffettwa wkoll ir-riżorsi tal-ilma u l-ħabitats naturali), qed titnaqqar jew issir kompatta, qed issofri minn salinizzazzjoni

² SWD(2023)0004.

³ https://food.ec.europa.eu/safety/food-waste_en.

sekondarja, jew xi taħlita minn dawn⁴;

- M. billi ħamrija b'saħħitha hija prerekwiżit biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u s-sostenibbiltà agrikola fit-tul, iżda ġew identifikati diversi theddidiet għall-ħamrija fl-UE, bħat-tibdil fil-klima, l-issiġillat, il-kompattazzjoni, l-erożjoni, l-għargħar u l-uqigħ tal-art, nixfiet, instabbiltà idroġeoloġika, it-telf ta' materja organika tal-ħamrija, nirien, maltempati, salinizzazzjoni, kontaminazzjoni, it-telfien tal-bijodiversità tal-ħamrija, l-aċidifikazzjoni u d-deżertifikazzjoni;
- N. billi l-Istrateġija tal-UE dwar il-ħamrija għall-2030 iġġib magħha neċessità ċara li jiġi żgurat li l-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u r-restawr tal-ħamrija jsiru n-norma;
- O. billi aktar minn 75 % tat-tipi globali ta' għelejjel tal-ikel, inklużi l-frott u l-ħxejjex jibbażaw fuq id-dakkir tal-annimali;
- P. billi l-biċċa l-kbira tad-dieta tal-Ewropej mhumiex konformi mar-rakkomandazzjonijiet għal ikel tajjeb għas-saħħa, inkluż żieda fil-konsum ta' pjanti prodotti b'mod sostenibbli u reġjonali u ikel ibbażat fuq il-pjanti, bħal frott u ħxejjex friski, qmuħ sħaħ u legumi; billi minkejja xejra ta' tnaqqis ħafif, il-konsum tal-laħam per capita f'ħafna pajjiżi tal-UE jibqa' bejn darbtejn u erba' darbiet ogħla mill-konsum rakkomandat⁵; billi hemm bżonn li jiġi indirizzat il-konsum żejjed ta' laħam u prodotti pproċessati ħafna, kif ukoll prodotti b'kontenut għoli ta' zokkor, melħ u xaħmijiet⁶;
- Q. billi politiki agrikoli u tal-ikel imfassla tajjeb jistgħu jnaqqsu l-kost ta' ikel sostenibbli u nutrittiv, u jżidu b'mod sostenibbli d-disponibbiltà u l-prezzijiet raġonevoli ta' dieta tajbin għas-saħħa, u b'hekk ma jħallu lil ħadd jibqa' lura⁷;
- R. billi l-għażliet tal-ikel huma influwenzati mill-ambjenti tal-ikel, inklużi l-kummerċjalizzazzjoni u r-reklamar tal-ikel, it-tqegħid ta' prodotti u l-promozzjonijiet, u t-tikkettar;
- S. billi l-art użata għall-bhejjem u għall-produzzjoni tal-materja prima tal-annimali tokkupa kważi 80 % tal-art agrikola globali, filwaqt li tipproduċi inqas minn 20 % tal-provvista ta' kaloriji għad-dinja; billi li l-għadd ta' annimali tal-irziezet qed jikber fl-UE u l-prodotti tal-annimali jirrappreżentaw 22 % tal-ikel esportat mill-UE; billi 60 % tal-uċuħ tal-għelejjel fl-UE huma ddedikati għall-produzzjoni tal-għalf, u madwar 30 miljun tunnellata ta' fażola tas-sojja u prodotti tal-fażola tas-sojja jiġu importati fl-UE kull sena, u dan iwassal għal mudell estrattiv, b'impronta għolja tal-karbonju u fraġli, marbut mad-deforestazzjoni;

⁴ Veerman, C., Correia, T.P., Bastioli, C., Biro, B., Bouma, J., Cienciala, E., Emmett, B., Frison, E.A., Grand, A., Lachezar H., Kriaučiūnienė, Z., Pogrzeba, M., Soussana, J-F., Vela, C. u Wittkowski, R., *Caring for soil is caring for life – Ensure 75% of soils are healthy by 2030 for healthy food, people, nature and climate* (Li tieħu ħsieb il-ħamrija jfisser li tieħu ħsieb il-ħajja – Niżguraw li 75 % tal-ħamrija tkun b'saħħitha sal-2030 għal ikel tajjeb għas-saħħa, għan-nies, għan-natura u għall-klima), Rapport Interim tal-Bord tal-Missjoni għas-saħħa tal-ħamrija u l-ikel, il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u d-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, 2020, doi: 10.2777/4833.

⁵ SWD(2023)0004.

⁶ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, ĠU J C 184, 5.5.2022, p. 2.

⁷ <https://www.fao.org/publications/sofi/2022/en/>.

- T. billi hemm bżonn li jiġi kkunsidrat mill-ġdid l-użu tal-art tal-UE għas-sigurtà tal-ikel, peress li madwar 65 % tal-art agrikola tintuża għall-produzzjoni tal-annimali, u 55 % taċ-ċereali fl-UE jintużaw għall-għalf u madwar 4 % għall-produzzjoni tal-bijokarburanti⁸;
- U. billi t-tbeġħid minn prattiki tat-trobbija intensiva tal-bhejjem lejn agrikoltura sostenibbli u estensiva se jwassal għal tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet tal-metan mis-settur agrikolu u jnaqqas ukoll il-konsegwenzi negattivi għall-ambjent, il-bijodiversità, it-trattament xieraq tal-annimali u s-saħħa pubblika; billi t-tnaqqis effettiv tal-għadd ta' annimali mrobbija miżmuma fl-UE huwa pass essenzjali f'dan il-proċess;
- V. billi mhux biss il-prezzijiet tal-ikel għall-konsumatur, iżda wkoll l-introjti tal-unitajiet domestiċi, huma fattur kruċjali tas-sigurtà tal-ikel; billi, meta jiffaċċjaw prezzijiet tal-ikel għoljin bla preċedent, l-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx, li jonfqu sehem kbir mill-baġit tagħhom fuq l-ikel, jistgħu jiġu mġiegħla jagħżlu ikel inqas tajjeb għas-saħħa u inqas varjat, u b'hekk isiru partikolarment vulnerabbli għar-riskju ta' mard li ma jitteħidx marbut ma' dieti ħżiena;
- W. billi l-ikel importat minn pajjiżi terzi spiss ikun soġġett għal standards ambjentali, tat-trattament xieraq tal-annimali u tas-saħħa aktar baxxi meta mqabbla mal-UE;
- X. billi d-dipendenza tal-katina tal-produzzjoni tal-ikel tal-UE mill-għalf importat għad għandha għadd kbir ta' impatti diretti u indiretti negattivi fuq l-ambjent u fuq it-tibdil fil-klima kemm ġewwa kif ukoll barra mill-fruntieri tal-UE; billi din il-vulnerabbiltà, flimkien mal-kostijiet tal-input li qed jiżdiedu bħall-kost tal-fertilizzanti u tal-fjuwils fossili qed iżidu l-kost tal-produzzjoni tal-ikel;
- Y. billi aktar minn 161 miljun persuna fi 42 pajjiż bategħ minn nuqqasijiet akuti tal-ikel f'Settembru 2021, kważi persuna waħda minn kull tliet persuni fid-dinja ma għandhiex aċċess għal ikel xieraq u madwar tliet biljun persuna jsibu li l-kostijiet ta' dieta tajba għas-saħħa huma f'livell li ma jistax jintlaħaq; billi hemm periklu li dawn iċ-ċifri jkomplu jiżdiedu u, b'riżultat ta' dan, l-iżvilupp sostenibbli sal-2030 ikun saħansitra inqas possibbli;
- Z. billi s-sigurtà tal-ikel tal-UE ma tridx iddghajef is-sigurtà tal-ikel u s-sovranià tal-ikel ta' pajjiżi terzi; billi hemm ħtieġa urġenti ta' distribuzzjoni aktar ġusta u ugwali tal-ikel u ta' tnaqqis kbir fil-ħela tal-ikel li tista' tiġi evitata;
- AA. billi l-abbandun tal-azjendi agrikoli tal-familja fl-UE ilu jiżdied f'dawn l-aħħar snin, l-għadd ta' bdiewa żgħażagħ qed jonqos u t-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu jinsab mhedded;
1. Jappoġġja t-tranżizzjoni ġusta u urġenti għal prattiki agroekoloġiċi u biedja organika, kif ukoll l-agroforestrija, li jippermettu lill-UE tindirizza d-dipendenza tagħha, b'mod partikolari, mill-importazzjonijiet ta' fertilizzanti u fjuwils fossili; itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u għall-ambizzjonijiet, il-miri u l-għanijiet tal-komunikazzjonijiet sussegwenti tiegħu, b'mod speċifiku l-istrateġija mill-għalqa sal-platt, l-istrateġija għall-bijodiversità, l-istrateġija dwar ir is-sustanzi kimiċi għas-

⁸ SWD(2023)0004.

sostenibbiltà, l-istrateġija ta' tniġġis żero u l-istrateġija dwar il-ħamrija; jilqa' l-proposti leġiżlattivi ppubblikati u mħabbra tagħhom, inklużi dawk relatati mat-tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi u l-fertilizzanti uffiċjali u r-riskji assoċjati tagħhom, li se jkunu kruċjali biex tiġi salvagwardjata s-sostenibbiltà fit-tul tal-produzzjoni tal-ikel billi, pereżempju, jiġu protetti d-dakkara;

2. Jenfasizza li ż-żewġ theddidiet ewlenin fuq terminu medju sa twil għall-biedja u l-produzzjoni tal-ikel huma t-tibdil fil-klima u l-kollass tal-ekosistema; jinnota li l-aħħar rapport tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima jbassar problemi futuri akuti għall-agrikoltura, l-istabbiltà tal-ekosistema, id-disponibbiltà tal-ilma u s-sigurtà tal-ikel;
3. Jissottolinja li l-biedja sostenibbli li tippreżerva r-riżorsi naturali hija prerekwiżit għas-sigurtà tal-ikel fit-tul fl-UE u fuq livell globali; jinkoraġġixxi t-trasformazzjoni tas-settur tal-produzzjoni tal-ikel permezz tal-użu ta' tekniki, imġiba u prattiki li jirrestawraw il-ħamrija u jtejbu s-servizzi tal-ekosistema bħall-approċċi riġenerattivi bħala mezz biex tiżdied il-fertilità, is-saħħa tal-ħamrija, id-disponibbiltà tal-ilma, il-produzzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, in-nutrizzjoni u s-sikurezza tal-ikel; jenfasizza l-effetti pożittivi ta' biedjaestensiva u pajsaġġi u ħabitats differenti fuq il-prevenzjoni tal-ħsara mill-pesti, ir-restawr tal-bijodiversità, l-istabbiltà tal-produzzjoni tal-għelejjel u l-istimulazzjoni tal-produttività agrikola fit-tul u jesprimi appoġġ qawwi għall-biedja urbana, inkluż l-użu tas-siġar tal-frott;
4. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-UE tnaqqas id-dipendenza tagħha mill-importazzjonijiet minn barra l-UE, timxi lejn il-produzzjoni lokali tal-ikel, tappoġġja l-bidla lejn dieti sostenibbli u tajbin għas-saħħa bbażati fuq il-pjanti u tibbilanċja mill-ġdid il-proporzjon tal-art tal-UE użata għall-produzzjoni tal-għalf tal-annimali ma' dik għall-produzzjoni tal-ikel għall-konsum mill-bniedem;
5. Jindika, li t-tranżizzjoni lejn forom inqas intensivi tal-agrikoltura u t-tqassir tal-ktajjen tal-provvista jwasslu għal iffrankar fl-ispejjeż tal-input, kemm għall-fertilizzanti minerali kif ukoll għall-fjuwils fossili, billi l-UE għadha dipendenti ħafna mill-importazzjonijiet minn reġimi awtoritarji, u se toħloq sinerġiji u kobenefiċċji bħal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra;
6. Itenni li l-Patt Ekoloġiku huwa katalizzatur għal tranżizzjoni tas-soċjetà inklużiva u mhux diskriminatorja b'newtralità klimatika, protezzjoni tal-ambjent, użu sostenibbli tar-riżorsi u s-saħħa u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini fi ħdan il-limiti planetarji bħala objettivi ewlenin u jemmen li l-Patt Ekoloġiku se jikkontribwixxi għal aktar sigurtà tal-ikel; ifakkar li kwalunkwe soluzzjoni fuq terminu qasir jew interim dejjem għandha r-riskju li tiskambja dipendenza partikolari ma' oħra fuq terminu twil; jissottolinja li t-tnaqqis tal-impronta ambjentali u klimatika tas-sistema tal-ikel tal-UE, inkluż f'konformità mal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan, it-tiżiħ tar-reżiljenza tas-sistema tal-ikel, l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel fid-dawl tat-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità, li jwasslu għal tranżizzjoni globali lejn sostenibbiltà kompetittiva mill-għalqa sal-platt u l-użu ta' opportunitajiet sostenibbli ġodda, huwa ta' importanza kbira f'dan l-isforz globali għall-kisba tas-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza fis-sistemi tal-ikel;
7. Jissottolinja li approċċi riġenerattivi bħall-agroekoloġija, l-agroforestrija, il-biedja

organika u l-biedja ta' preċiżjoni u tal-karbonju joffru l-potenzjal li jindirizzaw l-isfidi klimatiċi, tal-bijodiversità, ambjentali, ekonomiċi u soċjali; jenfasizza l-kapaċità ta' dawn il-prattiki li jillimitaw id-degradazzjoni tal-ħamrija u jżidu s-sekwestru tal-karbonju, jekk tiġi indirizzata l-permanenza tal-ħżin tal-karbonju; jisħaq li filwaqt li tiġi żgurata l-produzzjoni sostenibbli ta' prodotti u l-forniment ta' servizzi tal-ekosistema, dawn il-prattiki għandhom il-kapaċità li jnaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-ikel billi jnaqqsu l-użu tal-pestiċidi, tal-fertilizzanti, tal-antimikrobiċi u tal-konsum tal-gass; jenfasizza wkoll il-kapaċitajiet ta' dawn il-prattiki li jwasslu għal produzzjoni tal-ikel ta' kwalità aħjar għas-saħħa, li jipprovdu primjum għall-bdiewa, kif ukoll l-istabbiltà u d-diversifikazzjoni tal-introjt u produzzjoni fit-tul, sostenibbli, reżiljenti u valida għall-futur orjentata lejn il-bdiewa żgħar u ta' daqs medju;

8. Jenfasizza l-potenzjal tal-biedja vertikali għall-produzzjoni tal-ikel li hija indipendenti mit-temp u mill-istaġuni, u li tista' tikseb produzzjoni oġhla b'inqas użu ta' ilma u pestiċidi; jitlob rikonoxximent akbar ta' din il-prattika fil-politika tal-UE, kif ukoll inizjattivi biex jiżiedu l-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp għall-biedja vertikali;
9. Jisħaq li s-sigurtà tal-ikel tinkludi wkoll l-aspetti tas-sikurezza tal-ikel u n-nutrizzjoni u għandha titqies f'perspettiva fuq perjodu ta' żmien qasir, medju u twil;
10. Jilqa' l-analiżi komprensiva tal-Kummissjoni tal-fatturi tas-sigurtà tal-ikel; jissottolinja l-konklużjonijiet tiegħu li jindikaw l-urġenza ta' tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel sostenibbli li tkun kapaċi tiżgura s-sigurtà tal-ikel kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul;
11. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu adottati soluzzjonijiet integrati u orjentati lejn is-sistemi biex jittaffew il-kompromessi bejn il-miżuri ta' mitigazzjoni u adattament li se jsaħħu r-reżiljenza fit-tul;
12. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ġunju 2022 għal regolament ġdid dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 (COM(2022)0305), inklużi miri wiesgħa għall-UE biex sal-2030 jitnaqqsu l-użu u r-riskju tal-pestiċidi kimiċi u, b'mod partikolari, l-użu tal-pestiċidi l-aktar perikolużi f'konformità mal-istrateġija tal-UE mill-għalqa sal-platt u l-istrateġija għall-bijodiversità; jenfasizza li din il-proposta għandha tistabbilixxi viżjoni fit-tul (wara l-2030) u tnaqqas id-dipendenza mill-pestiċidi kimiċi tal-agrikoltura Ewropea; jinnota li t-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE mill-pestiċidi huwa fattur tas-sigurtà tal-ikel u tal-awtosuffiċjenza;
13. jistieden lill-Kummissjoni żżomm l-impenn tagħha u tressaq proposta leġiżlattiva biex tipprojbixxi l-esportazzjoni tal-pestiċidi kollha u ta' sustanzi kimiċi perikolużi oħra pprojbiti fil-livell tal-UE, ittemm l-istandards doppji, u tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti għall-industrija u l-armonizzazzjoni bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali ta' Stati Membri differenti;
14. Jissottolinja d-dipendenza tal-produzzjoni agrikola fuq id-dakkara; jesprimi dispjaċir, għalhekk, għall-fatt li dokumenti ta' gwida biex jiġi vvalutat ir-riskju tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u tal-bijoċidi fuq id-dakkara għadhom neqsin; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu l-attenzjoni dovuta lill-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ta' suċċess "Insalvaw lin-Naħal u lill-Bdiewa" li titlob t-tneħħija gradwali tal-

pestiċidi sintetiċi fl-agrikoltura tal-UE bi 80 % sal-2030, li tibda mill-aktar perikolużi, u bl-għan li sal-2035 issir ħielsa mill-pestiċidi sintetiċi u li tirrestawra l-ekosistemi naturali fiż-żoni agrikoli⁹;

15. Jaqbel li sabiex jintlaħqu l-għanijiet tat-tnaqqis tal-pestiċidi u sabiex titnaqqas id-dipendenza mill-importazzjonijiet, jeħtieġ li fi żmien qasir isiru disponibbli alternattivi organiċi fis-suq; jissottolinja li fuq terminu medju u twil, it-tnaqqis progressiv fl-użu tal-pestiċidi se jelimina l-effetti negattivi fuq is-saħħa tan-nies, tal-annimali u tal-ekosistemi, se jtejjeb id-dimensjoni tal-istabbiltà tas-sigurtà tal-ikel, filwaqt li jipprevjeni aktar degradazzjoni ambjentali;
16. Jappella għal Liġi ambizzjuża dwar is-Saħħa tal-Ħamrija li jkollha l-għan li tirrestawra l-ħamrija u l-mikrobijota tagħha, li tipprevedi l-akkumulazzjoni tal-karbonju organiku mitluf, fost fatturi oħra, bħala rizzultat ta' eċċess ta' nutrijenti, kif ukoll ta' erożjoni u salinizzazzjoni, sabiex tittejjeb is-sistema ta' difiża naturali tal-pjanti minn stress abijotiku u bijotiku; jissottolinja li kwalunkwe dewmien fil-Liġi dwar is-Saħħa tal-Ħamrija prevista għal mhux aktar tard mit-tieni kwart tal-2023 ikun detrimental, peress li n-nuqqas ta' qafas leġiżlattiv komprensiv tal-UE għall-protezzjoni tal-ħamrija jwassal għal telf irriversibbli tal-ħamrija fl-Ewropa; jisħaq fuq il-ħtieġa li tinkiseb saħħa tajba tal-ħamrija;
17. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi, mill-aktar fis possibbli, miri vinkolanti għat-tnaqqis b'mill-inqas 50 % tal-ħela tal-ikel fil-katina alimentari sal-2030, abbażi ta' metodoloġija komuni u jitlob miżuri li jgħinu fl-ilħuq tagħhom, inkluża kampanja fuq skala kbira biex titqajjem sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi, l-armonizzazzjoni tattikkettar tad-data, aktar edukazzjoni tal-konsumatur u l-projbizzjoni tal-qerda ta' ikel mhux mibjugħ; jissottolinja l-effetti pożittivi li ktajjen tal-provvista tal-ikel qosra jista' jkollhom biex tonqos il-ħela tal-ikel;
18. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta ambizzjuża għal liġi qafas dwar is-sistema tal-ikel sostenibbli tal-UE li tistabilixxi rotta ċara u li tista' titkejjel lejn is-sostenibbiltà tas-sistema tal-ikel fl-UE; jenfasizza li din il-liġi għandha tiżgura koerenza bejn il-politiki kollha eżistenti u futuri relatati mal-ikel, inklużi l-politiki esterni tal-UE, u ċċaqlaq il-konsum lejn dieti sostenibbli, aktar ibbilanċjati u tajbin għas-saħħa, il-promozzjoni ta' ambjenti tal-ikel favorevoli, iż-żieda fl-aċċessibbiltà tal-prezzijiet u d-disponibbiltà ta' ikel sostenibbli u tajjeb għas-saħħa, filwaqt li tiżgura l-prezzijiet imħallsa għall-produzzjoni sostenibbli u l-introjtji miksuba mill-bdiewa jkun għust; jistieden lill-Kummissjoni tuża dan l-abbozz ta' liġi biex issaħħaħ ir-responsabbiltà u l-involviment fil-katina alimentari kollha fit-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà, u tirrikonoxxi t-ttrattament xieraq tal-annimali bħala rekwiżit għal sistema tal-ikel sostenibbli u tinkoraġġixxi bidla lejn it-trobbija tal-annimali li tirrispetta l-limiti planetarji u tiżgura s-saħħa u t-ttrattament xieraq tal-annimali;
19. Jitlob l-applikazzjoni stretta tal-prinċipju "Saħħa Waħda" biex torbot is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u l-kwistjonijiet ambjentali fil-politiki kollha li jaffettwaw id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-ikel; jisħaq li s-sikurezza tal-ikel ma trid qatt tiġi pperikolata u jenfasizza l-importanza li l-politiki jiġu gwidati b'mod għust u soċjoekonomikament għust lejn il-promozzjoni ta' ikel nutrizzjonali, bi prezzijiet

⁹ https://europa.eu/citizens-initiative/initiatives/details/2019/000016_mt.

raġonevoli u prodott b'mod sostenibbli fit-tul f'konformità mal-konservazzjoni tal-bijodiversità u soluzzjonijiet agroekoloġiċi, u għal tikkettar xieraq u trasparenti biex jiġu ffaċilitati għażliet tajbin għas-saħħa mill-konsumatur;

20. Itenni l-mira ta' tnaqqis ta' 50 % għall-użu tal-antimikrobiċi fl-agrikoltura u jitlob lill-Kummissjoni tevalwa kif l-Istati Membri implimentaw il-Pakkett dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji, b'mod partikolari l-projbizzjoni fuq l-użu preventiv ta' antibijotiċi fi gruppi ta' annimali, il-projbizzjoni fuq l-użu preventiv ta' antimikrobiċi permezz ta' għalf medikat u l-projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' laħam li ġie ttrattat b'antimikrobiċi għall-promozzjonijiet tat-tkabbir;
21. Jirrikonoxxi li l-pandemija tal-COVID-19 tfakkarna b'mod qawwi fl-interkonnnettività tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjaneta, u jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar it-tixrid tal-mard zoonotiku mill-annimali miżmuma qrib xulxin, peress li 70 % tal-mard u tal-pandemiji emerġenti joriġinaw mill-annimali¹⁰;
22. Jenfasizza li d-disponibbiltà tal-proteini tal-pjanti, jekk jiġu kkunsmati direttament, hija aktar minn biżżejjed biex tissodisfa l-ħtiġijiet globali tal-proteini; jirrikonoxxi l-impatt pożittiv li aktar dieti bbażati fuq il-pjanti għandhom fuq il-bnedmin, l-annimali, il-pjaneta u s-sigurtà tal-ikel; jisħaq li l-produzzjoni u l-użu fis-suq tal-proteini tal-pjanti għandhom jiġu appoġġjati aħjar, flimkien mal-produzzjoni tal-proteini tal-pjanti fl-Ewropa, sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel, filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-importanza tal-promozzjoni ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, kif ukoll tat-trasformazzjoni sostenibbli tas-sistemi tal-ikel tagħna;
23. Itenni l-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet agrikoli tad-diossidu tal-karbonju, tal-metan u tal-ossidu nitruż, b'mod partikolari fis-setturi tal-għalf u tal-bhejjem, kif ukoll fis-settur tal-fertilizzanti organiċi u minerali, mingħajr ma jiġi kompromess aktar it-trattament xieraq tal-annimali u filwaqt li jiġi żgurat li ma jkunx hemm deterjorament fil-fertilità tal-ħamrija, fost l-oħrajn billi jiġu indirizzati d-densitajiet tal-bhejjem fl-UE u l-emissjonijiet inkorporati fl-użu tal-art mill-għalf u mill-ikel importati; itenni l-appell tiegħu għal taħlita ta' politiki koerenti li tippermetti tranżizzjoni lejn Prattiki aktar sostenibbli bħal produzzjoni estensiva tal-bhejjem ibbażata fuq il-mergħat bħala parti minn sistema mħallta ta' biedja li tirrispetta l-kapaċità ta' ġarr tal-ambjent lokali u tappoġġja l-bijodiversità; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni tippubblika studju dwar il-kapaċità ta' ġarr tal-artijiet agrikoli Ewropej fir-rigward tad-daqsijiet ottimali tal-merħla, bil-ħsieb li t-tranżizzjoni lejn approċċ ibbilanċjat aħjar bejn l-art tal-UE

¹⁰ Ir-Rapport dwar il-workshop tal-IPBES dwar il-Bijodiversità u l-Pandemiji; Analizi Dettaljata – "The link between biodiversity loss and the increasing spread of zoonotic diseases" (Ir-rabta bejn it-telfien tal-bijodiversità u ż-żieda ta' patoġeni zoonotiċi), id-Direttorat Ġenerali għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari, 22 ta' Diċembru 2020; Ir-rapport tal-Humane Society International, "The connection between animal agriculture, viral zoonoses, and global pandemics" (Il-konnessjoni bejn l-agrikoltura tal-annimali, iż-zoonozi virali, u l-pandemiji globali), 2020; Dhingra, M.S., Artois, J., Dellicour, S., et al., "Geographical and historical patterns in the emergences of novel highly pathogenic avian influenza (HPAI) H5 and H7 viruses in poultry" (Xejriet ġeografiki u storiċi fl-emerġenzi tal-virusi godda tal-influwenza avjarja b'patoġenicità għolja (HPAI) H5 u H7 fit-tjur), *Frontiers in Veterinary Science*, Vol. 5, 2018, disponibbli fuq www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC5996087/; Jones, B.A., Grace, D., Kock, R., et al., "Zoonosis emergence linked to agricultural intensification and environmental change" (L-emerġenza taż-zoonozi marbuta mal-intensifikazzjoni agrikola u mat-tibdil fil-klima), *Proceedings of the National Academy of Sciences of the United States of America*, Vol. 110, 2012, disponibbli fuq: www.pnas.org/content/110/21/8399.

użata għall-produzzjoni tal-għalf tal-annimali ma' dik għall-produzzjoni tal-ikel għall-bniedem;

24. Jenfasizza li l-użu tal-fertilizzanti jikkostitwixxi madwar 50 % tal-użu tal-enerġija fl-agrikoltura, meta jitqies kemm l-użu dirett kif ukoll dak indirett; jisħaq li ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija għandha effett sinifikattiv fuq iż-żieda fil-prezzijiet tal-fertilizzanti sintetiċi, li jfisser li l-pariri dwar is-sejba ta' alternattivi agronomiċi jistgħu jkunu l-aktar għażla ta' politika kosteffettiva¹¹; jenfasizza l-kapaċità murija tal-agrikoltura organika li tipproduċi ikel mingħajr l-użu ta' fertilizzanti sintetiċi, u jtenni l-objettiv li sal-2030 mill-inqas 25 % tal-art agrikola tal-UE tkun tintuża għal biedja organika;
25. Jitlob li l-Pjan Integrat tal-UE għall-Ġestjoni tan-Nutrijenti jindirizza t-telf eċċessiv tan-nutrijenti u jagħlaq iċ-ċikli tan-nutrijenti fil-kumplessità kollha tagħhom bit-tnaqqis tal-inputs esterni u permezz tal-implimentazzjoni u tal-infurzar xierqa tal-leġiżlazzjoni attwali, filwaqt li jikseb l-awtosuffiċjenza u l-avvanz fl-alternattivi għall-fertilizzanti kimiċi;
26. Jinnota l-ħsara għas-saħħa tal-bniedem ta' ammonijaka eċċessiva minn fertilizzanti u skart tal-bhejjem, responsabbli għal 430 000 mewta prematura kull sena fl-UE¹², kif ukoll l-ispejjeż assoċjati mat-telf tal-għelejjel;
27. Ifakkar fl-importanza ta' sistema ta' trattament xieraq tal-annimali ta' kwalità għolja, inkluż fit-trasport u t-tbiċċir; jilqa' r-reviżjoni ppjanata tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali, inkluż l-aġġornament tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar it-trattament xieraq tal-annimali u l-ħtieġa li tiġi żviluppata, implimentata u infurzata leġiżlazzjoni msaħħa u ġdida, leġiżlazzjoni speċifika għall-ispeċijiet, peress li hemm nuqqas ġenerali ta' implimentazzjoni u infurzar effettivi tal-leġiżlazzjoni attwali; jissottolinja l-importanza li tqis l-aħħar avvanzi fix-xjenza tat-trattament xieraq tal-annimali u tirreaġixxi għal talbiet pubbliċi, politiċi u tas-suq għal standards oġhla tat-trattament xieraq tal-annimali u għall-aġġornament tas-sistemi ta' kenn tal-bhejjem u tal-prattiki tal-produzzjoni;
28. Jinsab imħasseb li ħafna mill-ispejjeż tas-saħħa u tal-ambjent assoċjati mal-produzzjoni u l-konsum tal-ikel ma ġewx internalizzati; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-għażliet biex tinkorpora l-ispejjeż tal-esternalitajiet tal-produzzjoni fil-prodotti tal-ikel; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora modi kif tintegra kunsiderazzjonijiet tal-Kontabbiltà tal-Kost Veru fit-tfassil tal-politika dwar l-ikel, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu l-aċċessibbiltà tal-prezzijiet tal-ikel u x-xejriet ta' konsum sostenibbli u tajjeb għas-saħħa, fost l-oħrajn billi jipprovdu inċentivi fiskali, bħal tnaqqis tal-VAT fuq il-frott u l-ħxejjex friski u mhux ipproċessati, u taxxi aġġustati fuq iz-zokkor;

¹¹ Poux, X. and Aubert, P. M., "An agroecological Europe in 2050: multifunctional agriculture for healthy eating. Findings from the Ten Years For Agroecology (TYFA) modelling exercise" (Ewropa agroekoloġika fl-2050: agrikoltura multifunzjonali għal ikel tajjeb għas-saħħa. Sejbiet mill-eżerċizzju ta' mmudellar ta' Għaxar Snin għall-Agroekoloġija (TYFA)), Iddri-AScA, Paris, 2018, Studju Nru 09/18.

¹² Guthrie, S., Giles, S., Dunkerley, F., Tabaqchali, H., Harshfield, A., Ioppolo, B., Manville, C., "Impact of ammonia emissions from agriculture on biodiversity: An evidence synthesis" (L-impatt tal-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-agrikoltura fuq il-bijodiversità: Sinteżi tal-evidenza), Santa Monica, California, RAND Corporation, 2018, disponibbli fuq https://www.rand.org/pubs/research_reports/RR2695.html.

29. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-liġi qafas futura tal-UE dwar sistemi tal-ikel sostenibbli tippromwovi ambjenti tal-ikel favorevoli u kunsiderazzjonijiet soċjali, li fihom jkunu l-aktar disponibbli għażliet tal-ikel tajbin għas-saħħa u sostenibbli, bi prezzijiet raġonevoli, reklamati u attraenti, u tippromwovi ktajjen tal-provvista qosra u l-konsum ta' prodotti lokali u staġonali;
30. Jisħaq, b'mod parallel, fuq il-ħtieġa ta' miżuri ta' protezzjoni soċjali u xbieki ta' sikurezza adegwati biex jiġi żgurat l-aċċess għal dieti tajbin għas-saħħa għal kulħadd, b'attenzjoni speċjali għall-familji b'introjtu baxx li ma jistgħux jaċċessaw ikel varjat, tajjeb għas-saħħa, u nutrittiv minħabba l-persistenza mistennija ta' prezzijiet għoljin tal-ikel u tal-enerġija;
31. Itenni l-ħtieġa li jiġi indirizzat il-konsum żejjed ta' laħam u prodotti pproċessati ħafna, kif ukoll prodotti b'kontenut għoli ta' zokkor, melħ u xaħmijiet¹³;
32. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-bijokarburanti għas-suq tal-UE, minkejja l-potenzjal tagħha, tista' toħloq riskju mhux biss għas-sigurtà tal-ikel iżda wkoll għad-drittijiet tal-bniedem u tal-art, u għall-foresti, il-bijodiversità, is-saħħa tal-ħamrija u l-istabbiltà tas-suq fl-UE u f'pajjiżi terzi; jenfasizza l-impatt għoli tat-tibdil indirett fl-użu tal-art tal-bijokarburanti bbażati fuq l-għelejjel minħabba, b'mod partikolari, l-effetti ta' spostament, marbuta wkoll mal-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, il-ħtif tal-art u l-ġuħ globali f'pajjiżi terzi; jemmen li din hija r-raġuni għaliex l-UE jeħtieġ li tiddedika aktar attenzjoni għal din il-kwistjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw malajr miżuri temporanji ta' sospensjoni għall-produzzjoni u t-taħlit ta' bijokarburanti bbażati fuq l-għelejjel, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa sabiex jiżguraw provvisti addizzjonali tal-ikel, jistabbilizzaw is-swieq globali tal-prodotti bażiċi tal-ikel u jeliminaw gradwalment il-bijokarburanti bbażati fuq l-għelejjel, li ma jinkludux bijokarburanti avvanzati, sal-2030;
33. Jiddenunzja l-enfasi fuq miżuri ta' politika għal żmien qasir, pereżempju, fuq il-fertilizzanti; jissottolinja li s-sussidjar tal-użu tal-fjuwils fossili għall-produzzjoni ta' fertilizzanti artifiċjali jrid jitneħħa malajr;
34. Jinnota li l-gwerra fl-Ukrajna kompliet tesponi li l-fatt li l-produzzjoni tal-ikel fl-UE tiddependi minn inputs minn barra l-Unjoni; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li sabiex tiġi żgurata l-produzzjoni tal-ikel fit-tul, għandhom jiġu utilizzati u żviluppati prattiki u riżorsi li huma faċilment disponibbli u prodotti fl-UE, bħar-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba', komposti, fertilizzanti organiċi sostenibbli u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, fil-limiti tad-Direttiva dwar in-Nitrati;
35. Itenni l-pożizzjoni tiegħu dwar tekniki ġodda ta' tnissil ġenomiku, li tenfasizza l-prinċipju ta' prekawzjoni u l-ħtieġa li jiġu żgurati t-trasparenza u l-libertà tal-għażla għall-bdiewa, il-proċessuri u l-konsumaturi, u jisħaq li din l-azzjoni politika li jmiss għandha tinkludi valutazzjonijiet tar-riskju u ħarsa ġenerali komprensiva u valutazzjoni tal-għażliet għat-traċċabbiltà u t-tikkettar bil-ħsieb li tinkiseb sorveljanza regolatorja xierqa u li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni rilevanti, inkluż għal prodotti minn

¹³ Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-23 ta' Novembru 2022 dwar il-prevenzjoni, il-ġestjoni u l-kura aħjar tad-dijabete fl-UE fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tad-Dijabete (Testi adottati, P9_TA(2022)0409).

pajjiżi terzi sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi;

36. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta kif xieraq u aħjar l-effetti tal-organiżmi ġenetikament modifikati fuq is-saħħa, il-bijodiversità u l-inklużjoni soċjali, u fuq il-libertà tal-għażla tal-bdiewa u tal-konsumaturi;
37. Jitlob li ssir analiżi komprensiva tal-effetti soċjoekonomiċi u ambjentali tal-privattivi fuq il-proċessi tat-tniissil u fuq il-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti u partijiet minnhom fuq is-sistema alimentari, inkluż il-potenzjal ta' konċentrazzjoni akbar tas-suq u monopolizzazzjoni fil-katina alimentari, kif ukoll fuq l-aċċessibbiltà tal-prezzijiet u d-disponibbiltà tal-ikel;
38. Jenfasizza li l-aċċess mingħajr ostakli għall-materjal tal-pjanti huwa essenzjali għall-kapaċità innovattiva tas-settur Ewropew tat-tniissil tal-pjanti; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jevalwaw bir-reqqa l-effetti fuq is-sigurtà tal-ikel tal-privattivi għall-materjal bijoloġiku u għall-proċessi bijoloġiċi essenzjali, u jissalvagwardjaw il-libertà li wieħed jopera u l-eżenzjoni tal-varjetajiet ta' dawk li jrabbu;
39. Jirrikonoxxi l-importanza li l-għelejjel isiru aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima u għal patoġeni ġodda, biex jiżiedu u jinżammu r-rendimenti fuq terminu qasir u twil, b'mod partikolari fid-dawl tan-nixfiet u n-nuqqas ta' ilma li qed jolqtu għadd dejjem akbar ta' Stati Membri tal-UE; jisħaq li dan jiddependi mir-restawr u l-konservazzjoni tal-bijodiversità, is-saħħa tal-ħamrija, l-applikazzjoni ta' metodi agroekoloġiċi u organiċi, u jissottolinja l-importanza tas-sigurtà u d-diversità taż-żrieragħ; jisħaq li n-nissiebla u l-bdiewa jeħtieġ li jkollhom aċċess garantit għal żrieragħ ta' kwalità ta' varjetajiet ta' pjanti adattati għall-pressjonijiet tat-tibdil fil-klima u ta' sistemi ta' biedja b'input baxx, inklużi varjetajiet tradizzjonali u adattati għal-lokal u materjal eteroġenu, u għar-riżorsi ġenetiċi meħtieġa għal aktar tniissil;
40. Jissottolinja l-importanza tal-promozzjoni tal-proteini tal-pjanti mkabbra fl-UE biex jitwasslu ikel u għalf miksuba fir-reġjun b'valur nutrittiv għoli;
41. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi u tappoġġja l-innovazzjoni u r-riċerka, it-taħriġ u l-konsulenza u t-titjib ta' proġetti innovattivi għal soluzzjonijiet soċjalment, ekonomikament u ambjentalment sostenibbli għall-insigurtà tal-ikel li jindirizzaw ukoll l-impatt fuq il-klima u l-bijodiversità tas-settur agrikolu u aktar investimenti li jistgħu jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika u jiżguraw is-sostenibbiltà u l-awtonomija, kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
42. Jisħaq li teknoloġiji diġitali innovattivi ma għandhomx joħolqu dipendenzi fuq mogħdijiet ġodda, u jenfasizza li dawn ma għandhomx isaħħu l-konċentrazzjoni tal-azjendi agrikoli iżda għandhom ikunu disponibbli u aċċessibbli għall-bdiewa fuq skala żgħira;
43. Jenfasizza kif il-kunflitt, il-kriżi tal-klima u tal-bijodiversità u l-pandemija kienu punti ta' bidla għall-ġuħ fid-dinja, li preċedentement kien qed jonqos, iżda li issa qed jaffettwa madwar 10 % tal-popolazzjoni dinjija; jenfasizza l-ħtieġa ta' sforzi kontinwi biex jerġgħu jibdedu u jinżammu l-esportazzjonijiet taċ-ċereali tal-Ukrajna li għandhom itaffu l-pressjonijiet fin-Nofsinhar Globali; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, tintensifika l-isforzi tagħha fid-"diplomazija tal-ikel", filwaqt li żżomm f'moħħha li fil-

preżent l-Unjoni hija waħda mill-aktar produttori globali importanti tal-qamħ u li n-nuqqasijiet fil-provvista tal-ikel fin-Nofsinhar Globali jistgħu jagħmlu lil dawn il-pajjiżi terzi aktar vulnerabbli għall-influenza ta' reġimi awtoritarji;

44. Jenfasizza li d-disponibbiltà tal-ikel illum mhijiex friskju fl-UE, peress li l-UE hija fil-biċċa l-kbira awtosuffiċjenti għal prodotti agrikoli ewlenin u tikseb eċċess globali stabbli fl-esportazzjoni tal-ikel¹⁴; jinnota bi tħassib kbir, madankollu, li minħabba inflazzjoni għolja u, b'mod partikolari, iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel, l-aċċessibbiltà tal-prezzijiet tal-ikel tirrappreżenta problema reali għal unitajiet domestiċi inqas sinjuri; jenfasizza li filwaqt li l-impatt negattiv tal-gwerra fl-Ukrajna fuq is-sigurtà globali tal-ikel kien sinifikanti, il-fallimenti sistemiċi eżistenti fis-sistema tal-ikel ġew esposti, u li jeħtieġ li jiġu adottati biżżejjed miżuri fuq terminu qasir u twil biex jiġu indirizzati l-għu u l-malnutrizzjoni fl-Ewropa u lil hinn minnha;
45. Iqis li l-istess standards tal-produzzjoni agrikola għandhom japplikaw għal prodotti importati bħal dawk li japplikaw għal prodotti manifatturati fl-UE, u jappella għall-inklużjoni ta' klawżoli xierqa għal dak il-għan fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles;
46. Jisħaq li s-sostenibbiltà tirreferi għall-ibbilanċjar tal-iżvilupp ekonomiku, l-impatti ambjentali u l-ugwaljanza soċjali, inkluża l-ġustizzja bejn il-ġeneri; jenfasizza l-impatti negattivi fuq il-ġeneru taż-żieda fl-insigurtà tal-ikel peress li n-nisa għandhom it-tendenza li jnaqqsu l-konsum tal-ikel tagħhom fi żminijiet ta' nuqqas ta' ikel u n-nisa u l-bniet jammontaw għal 60 % ta' dawk li mhumiex mitmugħa biżżejjed; jinnota li 60 % tan-nisa li jgħixu fl-Afrika fin-Nofsinhar tas-Saħara jaħdmu fis-settur agrikolu u huma vulnerabbli ħafna għall-effetti tat-tibdil fil-klima għas-sigurtà tal-ikel u tal-ilma tagħhom;
47. Jinsab imħasseb dwar l-ugwaljanza soċjali inerenti u l-impatt tal-ġeneru tas-settur agrikolu tal-UE, peress li, fost fatturi oħra, ix-xejra ta' persuni li jiffaċċjaw insigurtà moderata jew severa tal-ikel fl-UE ilha tiżdied mill-2015 u n-nisa, it-tfal u l-gruppi emarġinati huma l-aktar affettwati; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-ġustizzja soċjali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-dimensjonijiet intersezzjonali tagħha mhumiex inklużi b'mod aktar proattiv u vinkolanti fil-politika agrikola komuni (PAK) u f'politiki relatati oħra biex jissaħħu s-sostenibbiltà soċjali u r-reżiljenza tas-sistemi agrikoli u tal-ikel tal-UE; jenfasizza li pagi ogħla, pensjonijiet u sistemi ta' protezzjoni soċjali tajbin jgħinu biex itaffu l-problema tal-aċċessibbiltà tal-prezzijiet tal-ikel;
48. Jinsab allarmat li s-sistema agrikola attwali tal-UE tirrikjedi għadd kbir ta' ħaddiema prekarji, b'pagi baxxi, flessibbli, staġonali u mhux iddikjarati, ta' spiss nisa, bl-isfruttament u l-abbuż tal-ħaddiema komuni, minħabba l-pressjonijiet enormi f'dawk li huma spejjeż fuq il-produtturi, li jimminaw l-istandards soċjali u tax-xogħol tal-UE stess;
49. Jappella għal strateġija biex tiġi reġjonalizzata l-katina tal-provvista tal-aktar komoditajiet importanti fid-dawl tat-tensjonijiet ġeopolitiċi attwali, filwaqt li tiġi appoġġjata wkoll l-awtonomija tal-ikel f'pajjiżi terzi, u biex tiġi żgurata l-provvista tal-proteini tal-pjanti lokali u sostenibbli; itenni l-importanza strateġika tal-produzzjoni

¹⁴ SWD(2023)0004.

lokali u tal-ktajjen tal-provvista qosra;

50. Jinnota li l-istrateġija mill-għalqa sal-platt għandha l-għan li tippreżerva l-affordabbiltà tal-prezzijiet tal-ikel, filwaqt li tiġġenera redditi ekonomiċi aktar ġusti fil-katina tal-provvista, sabiex, fl-aħħar mill-aħħar, l-aktar ikel sostenibbli jsir ukoll l-aktar ikel bi prezzijiet raġonevoli, trawwem il-kompetittività tas-settur tal-provvista tal-UE, tippromwovi l-kummerċ ġust u toħloq opportunitajiet ġodda ta' negozju, filwaqt li tiżgura l-integrità tas-suq uniku u s-saħħa u sigurtà okkupazzjonali; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi vvalutata l-katina tal-provvista kollha f'termini ta' reżiljenza u trasparenza sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-produtturi primarji kif ukoll tal-konsumaturi fil-katina tal-valur; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza b'mod effettiv l-iżbilanċ fil-poteri upstream u downstream fil-ktajjen tal-provvista tal-ikel, inkluż fil-proposti legali li ġejjin;
51. Jissottolinja l-ħtieġa li l-politika tiġi mfassla b'mod indipendenti abbażi ta' xjenza, fatti u valuri;
52. Iqis li huwa neċessarju li jiġu eliminati l-prattiki li jagħmlu ħsara fl-ambitu tal-PAK u tal-politika komuni tas-sajd u jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-EUR 100 biljun ta' fondi tal-PAK attribwiti matul l-2014-2020 għall-azzjoni klimatika ftit li xejn kellhom impatt fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra agrikoli, li ma nbidlux b'mod sinifikanti mill-2010 'l hawn¹⁵; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan direzzjonali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan mis-settur agrikolu sal-2030 f'konformità mal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan;
53. Jinnota l-kost enormi tan-nuqqas ta' azzjoni¹⁶ u d-deterjorament kontinwu tal-bijodiversità funzjonali meħtieġa biex jinżammu l-produzzjoni u l-fertilità u l-produttività agrikola; jissottolinja, għalhekk il-ħtieġa li tittiejeb ir-reżiljenza tal-agroekosistemi billi tiżdied id-diversità bijoloġika, ġenetika u strutturali biex jinżammu l-produzzjoni u jinfirx ir-riskju ta' falliment tal-għelejjel; jinnota, pereżempju, li n-nixfa tiswa lill-Unjoni EUR 9 biljun kull sena u dan huwa mbassar li jiżdied hekk kif jibda jinħass it-tibdil fil-klima u l-kollass ekoloġiku; jinnota li n-NU u l-FAO jwissu b'mod ċar li d-dewmien fit-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenti se jiswa aktar lis-soċjetà u lill-bdiewa, aktar ma jkun twil id-dewmien;
54. Jinnota li r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1317 tas-27 ta' Lulju 2022¹⁷ li jipprevedi derogi fir-rigward tal-applikazzjoni tal-istandards għal kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba tal-art (standards tal-KAAT) 7, dwar in-newba tal-għelejjel f'raba' li jinħadem, u 8, dwar is-sehem minimu miż-żona agrikola ddedikata għal żoni jew karatteristiċi mhux produttivi, għas-sena tat-talba 2023 inħareġ mingħajr ebda valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-konsegwenzi ambjentali ta' dan

¹⁵ Rapport speċjali Nru 16/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, "Il-Politika Agrikola Komuni u l-klima: Nofs l-infiq tal-UE fuq il-klima iżda l-emissjonijiet mill-azzjoni agrikoli mhumiex qed jonqsu", disponibbli fuq <https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=58913>.

¹⁶ Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), "*Climate Change 2022: Impacts, Adaptation and Vulnerability*" (It-Tibdil fil-Klima 2022: Impatti, Adattament u Vulnerabbiltà), il-Kontribut tal-Grupp ta' Ħidma II għas-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima, Pörtner, H.-O., Roberts, D. C., Tignor, M., Poloczanska, E. S., Minterbeck, K., Alegria, A., Craig, M., Langsdorf, S., Löschke, S., Möller, V., Okem, A., Rama, B. (eds.), Cambridge University Press, Cambridge, UK and New York, NY, l-Istati Uniti tal-Amerka 2022, doi:10.1017/9781009325844.

¹⁷ ĠU L 199, 28 7 2022, p. 1.

l-att, li jikser il-prinċipju tat-tfassil aħjar tal-liġijiet; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li dawn id-derogi ma jwasslux għal ħsara ekoloġika fit-tul;

55. Jisħaq fuq l-importanza taż-żamma tal-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli, b'mod partikolari ta' dawk żgħar, u l-ħolqien ta' pożizzjoni b'saħħitha għall-bdiewa fil-ktajjen tal-provvista alimentari, li tgħin hom jiġġieldu l-prattiki kummerċjali iġusti;
56. Jisħaq li l-politika agrikola tal-UE ma għandhiex tiffavorixxi l-intensifikazzjoni tal-biedja; jinkoraġġixxi, għalhekk, l-iżgurar ta' għajxien sostenibbli b'mod partikolari għall-azjendi agrikoli żgħar u tal-familja, u b'mod partikolari għall-bdiewa nisa, kif ukoll għax-xoġhol tal-biedja; jiddeplora l-impatt negattiv fuq l-ambjent;
57. Jenfasizza l-ħtieġa li l-bdiewa jiġu pprovduti bi skemi ta' appoġġ adegwati biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u jiġu ffinanzjati miżuri ta' adattament u ta' mitigazzjoni kif ukoll ir-riġenerazzjoni ta' artijiet agrikoli degradati li se jgħinu lill-bdiewa jirrestawraw il-ħamrija u l-ekosistemi mfaqqra, itejbu l-produzzjoni tal-ikel u l-għajxien tal-bdiewa; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-appoġġ finanzjarju fl-ambitu tal-iskemi ekoloġiċi tal-PAK biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni u jippermettu sinerġiji bejn il-prestazzjoni ambjentali u l-produzzjoni tal-ikel, u jappoġġja l-introduzzjoni ta' pagamenti pubbliċi għas-servizzi tal-ekosistema ta' Prattiki agroekoloġiċi u agroforestali;
58. Jitlob skemi ta' appoġġ immirati għall-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni tal-bdiewa flimkien ma' programmi ta' taħriġ speċjalizzat fi Prattiki agrikoli alternattivi maħsuba għall-bdiewa biex titħaffef it-trasformazzjoni lejn metodi ta' produzzjoni tal-ikel aktar sostenibbli u reżiljenti;
59. Jisħaq fuq il-ħtieġa tal-użu sħiħ tal-iskemi tal-iskejjel sabiex jiġi żgurat li t-tfal fil-bżonn ikollhom aċċess għall-ikel; jenfasizza, barra minn hekk, l-utilità tal-programmi ta' akkwist pubbliku fit-trawwim tal-appoġġ pubbliku għax-xiri minn bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u produtturen lokali meta jinkiseb ikel nutrittiv għad-distribuzzjoni, il-protezzjoni mill-insigurta tal-ikel;
60. Jenfasizza li jeħtieġ li jiġu adottati miżuri suffiċjenti fuq terminu qasir u fit-tul biex jiġu indirizzati l-ġuħ u l-nutrizzjoni ħażina fl-Ewropa u lil hinn minnha; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati għodod xierqa biex jiġu indirizzati l-kriżijiet futuri tal-ikel b'mod sostenibbli, kompatibbli mal-oġġettivi tagħna dwar il-klima u l-bijodiversità;

**ANNESS: LISTA TAL-ENTITAJIET JEW IL-PERSUNI
LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT**

Il-lista li ġejja hija mfassla fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċeviet kontribut mill-entitajiet li ġejjin fit-tnejn tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
Food Policy Coalition
Test Biotech

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	1.3.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 53 -: 18 0: 7
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Arena, Bartosz Arłukowicz, Margrete Auken, Simona Baldassarre, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurélie Beigneux, Hildegard Bentele, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Michael Bloss, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Maria Angela Danzi, Esther de Lange, Christian Doleschal, Bas Eickhout, Cyrus Engerer, Agnès Evren, Heléne Fritzon, Malte Gallée, Gianna Gancia, Andreas Glück, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Anja Hazekamp, Martin Hojsík, Jan Huitema, Yannick Jadot, Adam Jarubas, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, Peter Liese, Sylvia Limmer, Javi López, César Luena, Liudas Mažylis, Marina Measure, Tilly Metz, Dolores Montserrat, Alessandra Moretti, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Grace O’Sullivan, Jutta Paulus, Stanislav Polčák, Jessica Polfjård, Erik Poulsen, Luisa Regimenti, María Soraya Rodríguez Ramos, Christine Schneider, Ivan Vilibor Sinčić, Maria Spyraiki, Nicolae Ștefănuță, Nils Torvalds, Edina Tóth, Véronique Trillet-Lenoir, Achille Variati, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Anna Zalewska
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Beatrice Covassi, Romana Jerković, Stelios Kypouropoulos, Marisa Matias, Dan-Ștefan Motreanu, Idoia Villanueva Ruiz
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marie Dauchy, Luke Ming Flanagan, Marina Kaljurand, Alice Kuhnke, Katarína Roth Neved’alová

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

53	+
NI	Maria Angela Danzi
PPE	Bartosz Arłukowicz, Traian Băsescu, Agnès Evren, Adam Jarubas, Ewa Kopacz, Stelios Kympouropoulos, Peter Liese, Liudas Mažylis, Dolors Montserrat, Dan-Ștefan Motreanu, Ljudmila Novak, Stanislav Polčák, Jessica Polfjård, Luisa Regimenti, Maria Spyra
Renew	Martin Hojsík, María Soraya Rodríguez Ramos, Nicolae Ștefănuță, Véronique Trillet-Lenoir, Michal Wiezik
S&D	Maria Arena, Marek Paweł Balt, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Beatrice Covassi, Cyrus Engerer, Helène Fritzon, Romana Jerković, Marina Kaljurand, Javi López, César Luena, Alessandra Moretti, Katarína Roth Nevedálová, Achille Variati, Petar Vitanov
The Left	Luke Ming Flanagan, Anja Hazekamp, Marisa Matias, Marina Mesure, Idoia Villanueva Ruiz, Mick Wallace
Verts/ALE	Margrete Auken, Michael Bloss, Bas Eickhout, Malte Gallée, Yannick Jadot, Alice Kuhnke, Tilly Metz, Ville Niinistö, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus

18	-
ECR	Sergio Berlato, Joanna Kopcińska, Alexandr Vondra, Anna Zalewska
ID	Simona Baldassarre, Aurélie Beigneux, Marie Dauchy, Gianna Gancia, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Sylvia Limmer
NI	Ivan Vilibor Sinčić, Edina Tóth
PPE	Alexander Bernhuber
Renew	Jan Huitema, Erik Poulsen, Nils Torvalds, Emma Wiesner

7	0
PPE	Hildegard Bentele, Christian Doleschal, Esther de Lange, Christine Schneider, Pernille Weiss
Renew	Andreas Glück
S&D	Tudor Ciuhodaru

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni

1.3.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar l-iżgurar tas-sigurtà alimentari u r-reżiljenza fit-tul tal-agricoltura tal-UE (2022/2183(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Stéphane Bijoux

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra l-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jiddikjara, parzjalment, li l-Unjoni jeħtiġilha tqis l-oġettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki li hija timplimenta li x'aktarx li jaffettwaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea tat-30 ta' Ġunju 2017 dwar "Il-kunsens Ewropew ġdid għall-iżvilupp"¹,
- wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009²,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007³,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE)

¹ ĠU C 210, 30.6.2017, p. 1.

² ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1.

³ ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1.

Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")⁴,

- wara li kkunsidra r-rapporti bit-titolu "The State of Food Security and Nutrition in the World 2022" (L-Istat tas-Sigurtà tal-Ikel u n-Nutrizzjoni fid-Dinja 2022) u "Hunger Hotspots – FAO/WFP early warnings on acute food insecurity – October 2022 to January 2023 Outlook" (Il-Hotspots fejn jinsab il-Ġuħ – Twissijiet bikrija tal-FAO/WFP dwar insigurtà qawwija tal-ikel – Perspettivi Ottubru 2022 sa Jannar 2023) u n-nota ta' informazzjoni bit-titolu "The importance of Ukraine and the Russian Federation for global agricultural markets and the risks associated with the current conflict" (L-importanza tal-Ukraina u l-Federazzjoni Russa għas-swieq agrikoli globali u r-riskji assoċjati mal-kunflitt attwali) tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) u l-Programm Dinji tal-Ikel (WFP),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp dwar il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (2021/2164 (INI)),
- wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tat-22 ta' Ġunju 2022 dwar l-użu sostenibbli ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 (COM (2022)0305),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" (COM(2020)0381),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" (COM(2019)0640),
- wara li kkunsidra r-Rapport tan-NU tar-Rapporteur Speċjali dwar id-dritt għall-ikel, Michael Fakhri, tat-30 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Seeds, right to life and farmers' rights" (Żrieragħ, dritt għall-ħajja u drittijiet tal-bdiewa) (A/HRC/49/43),
- wara li kkunsidra r-Rapport tan-NU tar-Rapporteur Speċjali dwar id-dritt għall-ikel, Michael Fakhri, tal-24 ta' Diċembru 2020 bit-titolu "Right to food" (Dritt għall-ikel) (A/HRC/46/33),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tan-NU tat-28 ta' Settembru 2018 dwar id-Drittijiet tal-Bdiewa u ta' Persuni Oħra li Jaħdmu f'Żoni Rurali (A/HRC/RES/39/12),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tan-NU tat-2 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (A/RES/61/295),
- wara li kkunsidra t-Trattat Internazzjonali tal-FAO dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura (2009),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 27(3)(b) tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali Relatati mal-Kummerċ kif emendat mill-Protokoll tal-2005 li Jemenda l-Ftehim TRIPS,

⁴ ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-1992 dwar id-Diversità Bijoloġika, strument legali internazzjonali għall-"preżervazzjoni tad-diversità bijoloġika, l-użu sostenibbli tal-elementi tagħha u l-qsim ġust u ekwitabbli tal-vantaġġi li jirriżultaw mill-isfruttament tar-riżorsi ġenetiċi.",
- A. billi, skont il-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija, persuna titqies li għandha "sigurtà tal-ikel" meta jkollha aċċess fiżiku, soċjali u ekonomiku għal ikel suffiċjenti, sikur u nutrittiv li jissodisfa l-bżonnijiet tad-dieta u l-preferenzi tal-ikel tagħha għal ħajja attiva u b'saħħitha; billi, skont il-FAO, hemm erba' dimensjonijiet ta' sigurtà tal-ikel: id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà, l-użu u l-istabbiltà;
- B. billi fl-2021, skont l-FAO, il-ġuħ affettwa 425 miljun ruħ fl-Asja, 278 miljun fl-Afrika u 56.5 miljun fl-Amerka Latina u l-Karibew, bl-Afrika tkun ir-reġjun bl-akbar prevalenza ta' nuqqas ta' nutrizzjoni filwaqt li s-sistema tal-produzzjoni tal-ikel tal-Afrika hija ddominata minn bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar u produzzjoni mmexxija mill-bdiewa; billi s-sigurtà tal-ikel hija marbuta mill-qrib mal-aċċess għall-ilma u s-sanitazzjoni u billi, skont in-Nazzjonijiet Uniti, 2.2 biljun persuna madwar id-dinja għad ma għandhomx aċċess għall-ilma tax-xorb;
- C. billi l-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma suxxettibbli għall-insigurtà tal-ikel b'mod partikolari meta jkunu dipendenti mill-importazzjonijiet tal-ikel; billi l-kriżijiet reċenti wrew li l-ktajjen tal-provvista mondjali jistgħu jiġu mfixkla serjament; billi d-dipendenzi mill-importazzjoni tal-ikel irriżultaw ukoll minn tibdil fil-mudelli tad-dieta u b'mod partikolari bidla għal għadd żgħir ta' għelejjel bażiċi, jiġifieri l-qamħ, ir-ross u l-qamħirrum;
- D. billi, skont il-FAO, fil-bidu tal-2022 l-Ukrajna u r-Russja kienu jirrappreżentaw kważi 30 % tal-esportazzjonijiet globali tal-qamħ u tal-qamħirrum, filwaqt li r-Russja kienet l-akbar esportatur fid-dinja ta' fertilizzanti, u billi aktar minn 30 pajjiż, prinċipalment fl-Afrika, fil-Lvant Nofsani u fl-Asja Ċentrali, jiddependu mill-Ukrajna u mir-Russja għal aktar minn 30 % tal-ħtiġijiet tagħhom ta' importazzjoni tal-qamħ; billi l-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna qed taggrava din l-insigurtà tal-ikel globali u tista' twassal biex bejn tmien sa 13-il miljun persuna oħra jispiċċaw f'insigurtà tal-ikel, skont is-simulazzjonijiet tal-FAO;
- E. billi din id-dipendenza mill-importazzjonijiet tal-ikel tagħmel ukoll għadd ta' pajjiżi, b'mod partikolari fl-Afrika, vulnerabbli ħafna għal xokkijiet fil-prezzijiet; billi skont il-FAO, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Ikel laħaq rekord għoli fi Frar 2022; billi l-bieċa l-kbira tal-pajjiżi li jiddependu mill-importazzjoni tal-ikel diġà kellhom dejn kbir qabel il-pandemija tal-COVID-19; billi d-dikjarazzjoni tal-Ministri għall-Agricoltura tal-G7 tal-11 ta' Marzu 2022 iddikjarat li l-membri tal-G7 kienu impenjati li "jiġġieldu kontra kwalunkwe mġiba spekulattiva li tipperikola s-sigurtà tal-ikel jew l-aċċess għall-ikel minn pajjiżi jew popolazzjonijiet vulnerabbli";
- F. billi l-Ftehim ta' Marrakech tal-1994 u b'mod partikolari l-Ftehim tad-WTO dwar l-Agricoltura kkontribwew għall-ispeċjalizzazzjoni tar-reġjuni agrikoli fil-produzzjoni ta' għelejjel bażiċi speċifiċi, u b'hekk ħolqu dipendenzi storiċi fis-sistemi ta' produzzjoni; billi din is-sitwazzjoni mhijiex reżiljenti għall-kriżijiet, peress li tħalli b'mod partikolari lill-pajjiżi importaturi tal-ikel vulnerabbli għal xokkijiet fil-prezzijiet;

- G. billi l-Patt Ekoloġiku u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, li l-miri tagħhom huma li jnaqqsu l-użu tal-inputs tal-azjendi agrikoli u, b'mod partikolari, li jnaqqsu l-użu ġenerali tal-pestiċidi kimiċi fl-UE sal-2030, jindirizzaw l-isfidi klimatiċi u ambjentali globali; billi l-bijodiversità u l-ekosistemi reżiljenti huma essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli; billi l-prinċipji agroekoloġiċi huma konformi mal-konservazzjoni tal-bijodiversità, l-awtonomija tal-ikel u n-nutrizzjoni tajba għas-saħħa;
- H. billi l-bijodiversità tal-għelejjel hija importanti peress li din tippermetti lill-bdiewa individwali jadattaw l-ippjanar agrikolu tagħhom għall-kundizzjonijiet klimatiċi u jagħmlu s-sistemi tal-ikel naturalment aktar reżiljenti kontra t-tibdil fil-klima, il-pesti u l-patoġeni; billi, fl-istess ħin, dan l-approċċ ibbażat fuq in-natura jikkontribwixxi għat-tiġid tal-bijodiversità; billi ġew stabbiliti għadd ta' proġetti innovattivi minn xi pajjiżi mhux tal-UE, bħall-inizjattiva Afrikana "Great Green Wall", li tippromwovi proġetti agroekoloġiċi; billi l-appoġġ tal-UE għal sistemi tal-ikel sostenibbli huwa waħda mill-prijoritajiet tal-programmi indikattivi pluriennali adottati ma' madwar 70 pajjiż sieħeb fl-ambitu tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – l-istrument Ewropa Globali għall-perjodu 2021–2027;
1. Jafferma mill-ġdid id-dritt għall-ikel bħala dritt fundamentali tal-bniedem u jfakkar fl-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 2 li jinqered il-ġuħ sal-2030; jišhaq fuq il-ħtieġa li l-UE tiddefendi d-dritt għal ikel adegwat bħala prijorità tas-sistemi tal-ikel sabiex tinkiseb is-sigurtà tal-ikel u tittejjeb in-nutrizzjoni;
 2. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-fatt li persuna minn kull tlieta madwar id-dinja għad ma għandhiex aċċess għal ikel adegwat u suffiċjenti u għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa u li 2.3 biljun persuna fid-dinja kellhom nuqqas ta' sigurtà tal-ikel moderat jew sever fl-2021; jinnota, barra minn hekk, li ħafna minn dawn il-persuni huma impjegati fl-agrikoltura; jiddeplora l-fatt li fl-2022, skont id-WFP, l-insigurtà akuta tal-ikel affettwat rekord ta' 349 miljun persuna;
 3. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-ġuħ u l-insigurtà tal-ikel qed jiżdiedu madwar id-dinja u li ħafna pajjiżi mhumiex fit-triq it-tajba b'mod sinifikanti biex jilhqnu l-mira ta' ġuħ zero sal-2030; ifakkar li l-malnutrizzjoni tirrappreżenta piż tul il-ħajja għall-individwi u għas-soċjetajiet peress li tipprevjeni lit-tfal milli jilhqnu l-potenzjal sħiħ tagħhom u għalhekk tillimita l-iżvilupp ekonomiku tal-bniedem u dak nazzjonali;
 4. Jišhaq li l-kriżi globali tal-ikel li qed tiffaċċja d-dinja llum mhijiex kriżi ġdida iżda fattur addizzjonali marbut mat-tkabbir tal-popolazzjoni globali, it-tibdil fil-klima u speċjalment l-avvenimenti ta' temp estrem, id-degradazzjoni ambjentali, il-kunflitti u, b'mod partikolari, l-invażjoni armata mir-Russja fl-Ukrajna, l-effetti attwali tal-pandemija tal-COVID-19 u l-inċertezza ekonomika globali; jenfasizza li din il-kriżi globali tal-ikel hija aggravata wkoll miż-żieda qawwija attwali fil-prezzijiet tal-ikel u mid-dgħufijiet li fadal fis-sistemi globali tal-ikel, prinċipalment relatati ma' dipendenzi persistenti relatati mal-importazzjonijiet tal-ikel, l-inugwaljanzi u n-nuqqas ta' xbieki ta' sikurezza soċjali f'ċerti pajjiżi sħab;
 5. Ihegġegħ lill-UE tirrikonoxxi li t-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, is-sigurtà tal-ikel u s-saħħa huma interkonnessi u jridu jiġu indirizzati flimkien, filwaqt li jitqies l-approċċ "Saħħa Waħda"; ifakkar li s-sistemi tal-ikel qed jikkontribwixxu sa terz tal-emissjonijiet

tal-gassijiet b'effett ta' serra u jirrappreżentaw sa 70 % tal-ġbid tal-ilma ħelu;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-bdiewa lokali fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni ta' miżuri biex jiġu evitati avvenimenti klimatiċi estremi u diżastri naturali; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja wkoll l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi, programmi u networks għall-kejl, għall-monitoraġġ, għall-evalwazzjoni u għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bejn il-pajjiżi sħab fl-adattament tal-agrikoltura għat-tibdil fil-klima u l-impatt tagħha fuq is-sigurtà tal-ikel;
7. Jiġbed l-attenzjoni għall-konsegwenzi tal-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna fuq il-prezzijiet tal-ikel, il-provvista globali ta' ċereali u l-prezz tal-enerġija u l-fertilizzanti; jenfasizza li l-pajjiżi li diġà qed jiffaċċjaw diffikultajiet qed jintlaqtu l-aġħar minn dawn il-konsegwenzi, li qed jaggravaw l-insigurtà tal-ikel globali; jenfasizza l-importanza tal-Inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali u jistieden lir-Russja tieqaf tuża s-sigurtà tal-ikel bħala arma tal-gwerra, tirrispetta l-ftehim dwar l-esportazzjoni ta' ċereali Ukreni u tneħħi l-imblokki navali tal-portijiet Ukreni; jilqa' l-introduzzjoni ta' korsiji ta' solidarjetà li jippermettu l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli mblukkati fl-Ukrajna; ifaħħar lill-Unjoni għall-impenn tagħha li timmobilizza aktar minn EUR 1 biljun għal dawk il-korsiji u li tipprova lill-Ukrajna b'appoġġ biex tesporta l-prodotti agroalimentari tagħha, filwaqt li tqis ir-rwol ewlieni tal-Ukrajna fil-provvista globali ta' ċereali; jisħaq fuq l-importanza li jinbnew sistemi tal-ikel u agrikoli reżiljenti għall-kunflitti u l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ikel jilħaq lill-persuni l-aktar vulnerabbli u jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja dawn l-isforzi;
8. Ifakkar li l-SDG 2 ma jistax jinkiseb mingħajr ma jissaħħu d-drittijiet tan-nisa u jirrikonoxxi r-rwol kritiku li għandhom il-bdiewa nisa fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel;
9. Jinnota li skont l-FAO n-nisa jirrappreżentaw 43 % tal-forza tax-xogħol agrikola globali u minkejja dan xorta jiffaċċjaw diskriminazzjoni sinifikanti f'dak li għandu x'jaqsam mas-sjieda tal-art u tal-bhejjem, il-paga ugwali, il-parteċipazzjoni fl-entitajiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-kreditu u għas-servizzi finanzjarji;
10. Jisħaq li huma t-tfal u n-nisa li huma l-aktar vulnerabbli għall-insigurtà tal-ikel; jisħaq li d-disparità bejn il-ġeneri fl-insigurtà tal-ikel fuq livell globali kibret f'dawn l-aħħar snin, prinċipalment minħabba inugwaljanza mifruxa bejn il-ġeneri u diskriminazzjoni fil-pajjiżi kkonċernati; jirrimarka li l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel huwa wieħed mill-mod kif jitnaqqsu l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel;
11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-pajjiżi sħab jiżguraw li n-nisa, inklużi l-organizzazzjonijiet tan-nisa, ikunu involuti fid-definizzjoni ta' programmi u fl-implimentazzjoni ta' proġetti kif ukoll fil-proċessi ta' teħid tad-deċiżjonijiet għall-ġlieda kontra l-insigurtà tal-ikel; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja wkoll l-avanz tal-bdiewa nisa u tippromwovi l-aċċess tan-nisa għall-istatus legali inkluż permezz tar-reġistrazzjoni tat-twelid u d-drittijiet tal-wirt għall-proprjetà u l-aċċess għall-art;
12. Jenfasizza l-fatt li l-indirizzar tal-insigurtà tal-ikel jirrikjedi wkoll li l-pajjiżi sħab jiehd u azzjoni biex inaqqsu l-inugwaljanzi, inkluż permezz ta' skemi ta' tassazzjoni u ta' protezzjoni soċjali, sabiex jiġi żgurat li l-persuni kollha jkunu jistgħu jaċċessaw ikel bi prezz raġonevoli u tajjeb għas-saħħa; jenfasizza, barra minn hekk, li l-ħolqien ta'

impjiegi vijabbli fl-agrikoltura huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul ta' dan is-settur fuq livell globali;

13. Ifakkar li s-sigurtà tal-ikel tirrikjedi aċċess fiżiku u bi prezz raġonevoli għall-ilma u li l-aċċess għal ilma ta' kwalità għolja għandu jibda fil-produzzjoni u jispiċċa fil-platti tal-konsumaturi; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ tagħha għas-servizzi tal-ilma, l-iġjene u s-sanitazzjoni biex tiżgura l-aċċess għall-ilma u s-sanitazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
14. Jinsab imħasseb dwar iż-żieda kontinwa fil-prezzijiet tal-ikel u t-tfixkil tas-suq globali tal-ikel, aggravati mill-invażjoni tal-Ukrajna, f'kuntest fejn kemm ir-Russja kif ukoll l-Ukrajna huma esportaturi ewlenin tal-ikel; ifakkar li l-Indiċi Globali tal-Prezzijiet tal-Ikel żdied b'aktar minn 60 % bejn l-2020 u l-2022; jisħaq li l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja wasslet għal żieda fil-prezzijiet u tnaqqis fid-disponibbiltà ta' prodotti agrikoli, fertilizzanti u enerġija; jenfasizza l-fatt li l-pajjiżi li kienu dipendenti ħafna mill-importazzjonijiet tal-qamħ u ż-żejt mir-reġjun tal-Baħar l-Iswed kienu l-ewwel li sofrew l-effetti tal-kriżi;
15. Jissottolinja d-dipendenza kbira tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fuq l-importazzjonijiet tal-ikel u l-fatt li dan jesponi ħafna lill-popolazzjonijiet għall-volatilitajiet tas-suq globali;
16. Ifakkar li l-inugwaljanza u mhux in-nuqqas ta' disponibbiltà huma l-ixprun ewlieni tal-insigurtà tal-ikel; jinnota li minn issa 'l quddiem is-soluzzjoni biex jiġi indirizzat il-ġuħ mhijiex li tiżdied il-produzzjoni, iżda li tiġi indirizzata l-problema strutturali tad-distribuzzjoni inugwali tal-ikel; iwissi kontra reazzjonijiet għall-kriżi li ma jħarsux fit-tul, inkluż rigress fl-impenji ta' riforma tas-sistema tal-ikel, pereżempju billi tiġi sospiża r-regolamentazzjoni ambjentali u tiżdied il-produzzjoni biex "titma' lid-dinja";
17. Jisħaq li l-Kummissjoni għandha tiżviluppa strateġija integrata ġenwina mal-pajjiżi sħab tagħha sabiex tteġġeg l-iżvilupp, it-tiħi u l-espansjoni tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-ikel lokali u tnaqqas il-vulnerabbiltajiet assoċjati mad-dipendenzi internazzjonali, speċjalment fuq il-fertilizzanti u ċ-ċereali, filwaqt li ssaħħaħ is-swieq lokali u reġjonali permezz ta' programmi infrastrutturali, bħall-infrastruttura tas-suq, is-sistemi tat-tkessiħ u t-toroq, iżda wkoll is-swieq tal-bdiewa online, sabiex tissaħħaħ, b'mod partikolari, ir-reżiljenza tal-bdiewa b'azjendi agrikoli zġhar, speċjalment fil-qafas tal-Inizjattiva Global Gateway;
18. Jiddeplora l-ispekulazzjoni finanzjarja fuq il-prodotti bażiċi tal-agrikoltura u tal-ikel, li qed taggrava l-volatilità tal-prezzijiet u qed tgħolli l-prezzijiet bl-ingrossa; jinnota bi tħassib li l-ispekulazzjoni finanzjarja fuq il-prodotti bażiċi tal-ikel taffettwa b'mod partikolari lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u lill-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli, speċjalment fil-kuntest tal-gwerra;
19. Jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, anke f'kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, iressqu b' mod urġenti proposti biex jirregolaw aħjar il-prezzijiet tal-ikel fil-livell Ewropew u globali bl-għan li titwaqqaf l-ispekulazzjoni finanzjarja fuq il-prodotti bażiċi tal-agrikoltura u tal-ikel; jinnota li r-rieżami li għaddej tad-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji huwa opportunità biex tiġi indirizzata l-ispekulazzjoni finanzjarja tal-ikel;

20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Ewropea tat- Titoli u s-Swieq jevalwaw ir-wol u l-firxa tal-ispekulazzjoni fid-determinazzjoni tal-prezzijiet tal-prodotti bażiċi; jissottolinja li statistika trasparenti dwar l-istokkijiet taċ-ċereali kemm mill-partijiet ikkonċernati pubbliċi kif ukoll minn dawk privati hija essenzjali; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-operaturi tan-negozji tal-ikel jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex isaħħu r-regoli ta' trasparenza dwar il-prezzijiet u l-istokkijiet agrikoli globali, b'mod partikolari billi jsaħħu u jestendu s-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Swieq Agrikoli;
21. Jirrimarka li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma l-aktar vulnerabbli għaż-żieda fil-prezzijiet globali tal-ikel u tal-agrikoltura, li jheddu l-aċċessibilità tal-prezzijiet tal-ikel; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu fuq il-proposta tal-FAO li għandha l-għan li tistabbilixxi faċilità ta' finanzjament għall-importazzjoni tal-ikel biex tgħin lill-pajjiżi b'introjtu baxx li huma l-aktar dipendenti mill-importazzjonijiet tal-ikel jaċċessaw is-swieq globali tal-ikel; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li ssir ħidma fuq ir-regoli kummerċjali, inkluż taħt il-mandat tad-WTO, bl-għan li l-pajjiżi b'introjtu baxx jiġu megħjuna jibnu sistemi tal-ikel lokali aktar b'saħħithom;
22. Jisħaq li d-dipendenza fuq l-ikel taggrava d-dejn tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u b'hekk tipperikola l-kisbiet li saru fis-sigurtà tal-ikel; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jevalwaw il-mezzi kollha disponibbli biex tiġi evitata kwalunkwe inadempjenza fil-bilanċ tal-pagamenti tal-pajjiżi importaturi tal-ikel, inkluż is-serħan mid-dejn taħt l-awspiċi ta' inizjattivi internazzjonali, finanzjament dirett u ristrutturatur tad-dejn tagħhom; itenni l-importanza ta' finanzjament ibbażat fuq l-għotjiet speċjalment għall-pajjiżi l-anqas żviluppati;
23. Ifakkar fil-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD) stabbilit fl-Artikolu 208 tat-TFUE, li skontu "l-Unjoni għandha tieħu in kunsiderazzjoni l-oġġettivi ta' koperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-politika li x'aktarx tolqot lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw", u l-importanza li tiġi żgurata l-koerenza bejn il-politiki kollha tal-UE sabiex tiġi ggarantita l-effettività tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-benefiċċju tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u tiżdied l-effettività tal-impenn tal-UE għas-sigurtà tal-ikel globali; jinsisti li l-iżgurar tal-PCD fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel huwa importanti biex jikkontribwixxi għall-ħarsien tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem u għall-prevenzjoni ta' kriżijiet umanitarji;
24. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ aktar sistematiku għad-definizzjoni u għall-valutazzjoni tal-impatt tal-politiki tal-UE fir-rigward tal-oġġettivi tal-PCD kif stabbiliti fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp; jitlob lill-UE timminimizza l-kontradizzjonijiet possibbli u tibni sinerġiji mal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u tivvaluta fuq bażi regolari l-konformità tal-politiki tal-UE, bħall-politika agrikola komuni u l-politika kummerċjali, mal-PCD, b'mod partikolari bl-użu tal-indikaturi ta' monitoraġġ tal-SDG 2;
25. Ifakkar li l-bijodiversità u s-servizzi tal-ekosistema assoċjati magħha huma essenzjali biex tiġi pprovduta produzzjoni sostenibbli tal-ikel u tiġi sfruttata s-sigurtà tal-ikel fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati bis-sħiħ fl-impenji internazzjonali tagħhom dwar il-klima u l-bijodiversità; jisħaq li l-politiki kummerċjali u ta' investiment tal-UE għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp mal-

pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom isegwu l-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku u tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, b' mod partikolari billi jiffavorixxu l-konservazzjoni tal-bijodiversità u tal-foresti; jitlob, f'dan ir-rigward, l-implimentazzjoni immedjata tar-regolament li għandu l-għan li jipprojbixxi l-importazzjoni fis-suq tal-Unjoni ta' prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni;

26. Jisħaq li l-produzzjoni tal-bijokarburanti ma għandhiex tipperikola s-sigurtà tal-ikel, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżguraw li l-produzzjoni tal-ikel tingħata prijorità fuq il-produzzjoni tal-bijokarburanti minn kultivazzjonijiet alimentari, speċjalment fil-kuntest tal-inflazzjoni tal-prezzijiet tal-ikel;
27. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles jikkontribwixxu għall-oġettivi u għall-istandards stabbiliti fil-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli (TSD) biex jiġu ggarantiti standards ambjentali, soċjali u tas-saħħa għoljin f'konformità mal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, l-Istrateġija għall-Bijodiversità u l-pakkett leġiżlattiv "Lesti għall-mira ta' 55 %", b'mod partikolari l-proposta għal regolament ġdid dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-miri inklużi fiha biex jitnaqqas l-użu ta' pestiċidi perikolużi; jisħaq ukoll fuq l-importanza li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu appoġġjati fl-ilħuq ta' standards oġhla, b'mod partikolari permezz ta' appoġġ tekniku pprovdut fl-ambitu tal-NDICI-Ewropa Globali;
28. Jikkundanna l-istandards doppji tal-UE dwar il-pestiċidi, li jippermettu l-esportazzjoni mill-UE ta' sustanzi perikolużi li huma stess huma pprojbiti fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura r-reċiproċità fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-agrikoltura u l-prodotti agrikoli, u tmexxi bl-eżempju billi tiżgura li l-pestiċidi perikolużi pprojbiti fl-UE ma jiġux esportati lejn pajjiżi sħab, tipprevjeni li r-residwi ta' pestiċidi pprojbiti jiġu ttollerati fl-ikel fis-suq tal-UE u ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' infurzar tal-kapitoli dwar it-TSD;
29. Jilqa' l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jallokaw kważi EUR 8 biljun f'għajjnuna umanitarja u għall-iżvilupp għas-sigurtà tal-ikel globali matul il-perjodu 2021-2024, inklużi EUR 600 miljun oħra biex jgħinu lill-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku jindirizzaw il-konsegwenzi tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew, kull sena sal-2024, dwar l-għanijiet, il-miżuri u r-riżultati ta' dak l-impenn;
30. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-għajjnuna Ewropea tilħaq lill-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli malajr kemm jista' jkun u tadatta għall-kuntest ta' kriżijiet multidimensjonali, u l-importanza ta' approċċ umanitarju msaħħaħ; jissottolinja l-fatt li, fl-2022, il-Kummissjoni allokata aktar minn EUR 900 miljun għall-assistenza umanitarja tal-ikel, li kienet 60 % aktar milli fl-2021 u kważi 80 % aktar milli fl-2020;
31. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-għajjnuna umanitarja u l-assistenza għall-ikel u jżidu s-servizzi ta' nutrizzjoni essenzjali fil-pajjiżi u r-reġjuni l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari d-19-il "hotspot tal-ġuħ" identifikati mill-FAO u mid-WFP li għadhom ibatu minn nuqqas ta' finanzjament umanitarju;
32. Jitlob lill-UE tiżgura l-kontinwità bejn l-għajjnuna umanitarja, il-kooperazzjoni għall-

iżvilupp u l-azzjonijiet ta' paċi sabiex jiġu indirizzati l-kawżi profondi tal-insigurtà tal-ikel u jiġu indirizzati d-dgħufijiet tas-sistemi tal-ikel fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, f'konformità mal-approċċ nexus;

33. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet Ewropej tal-finanzi għall-iżvilupp joħlqu sinerġiji bejn l-istrument NDICI-Ewropa Globali u l-istrateġija l-għdida tal-Global Gateway, bl-użu tal-approċċ ta' Tim Ewropa, sabiex jikkoordinaw l-investimenti fis-sigurtà tal-ikel fil-pajjiżi sħab;
34. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-finanzjament għall-klima fil-każ tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jsaħħu l-kooperazzjoni ma' banek multilaterali oħra tal-iżvilupp biex jiffaċilitaw l-adattament għat-tibdil fil-klima; jirrimarka li l-adattament għat-tibdil fil-klima huwa essenzjali biex jiġu żgurati sistemi tal-ikel reżiljenti u sostenibbli fil-pajjiżi sħab;
35. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li proporzjon sinifikanti tal-pakkett ta' 30 % tal-fondi tal-NDICI-Ewropa Globali assenjat għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima jiġi allokat għal proġetti li jtejbju r-reżiljenza u l-adattament tal-agrikoltura għat-tibdil fil-klima, inkluż permezz tal-istabbilizzazzjoni maġenb l-għoljiet, ir-reklamazzjoni tal-art, ir-riforestazzjoni, l-irrigazzjoni, il-ġestjoni tal-baċiri idrografiċi u l-appoġġ għall-isforzi edukattivi dwar din il-kwistjoni; jinsisti li dawk l-investimenti għandhom ikunu konformi mal-Aġenda 2030, il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u jqisu l-Linji Gwida Volontarji tal-FAO u tal-Kumitat dwar is-Sigurtà Alimentari Dinjija (CFS) dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti (VGGT) u l-Prinċipji tal-FAO u tas-CFS għal Investiment Responsabbli fis-Sistemi tal-Agrikoltura u tal-Ikel;
36. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, fil-proċess ta' rieżami ta' nofs it-terminu tal-istrument NDICI-Ewropa Globali, teżamina mill-qrib l-ammonti u l-proġetti assoċjati mas-sigurtà tal-ikel fil-pajjiżi sħab u tivvaluta bis-sħiħ l-effettività tal-miżuri appoġġjati; jirrimarka li r-rapport ta' rieżami ta' nofs it-terminu għandu jiġi ppubblikat sa tmiem l-2023;
37. Jilqa' t-tnedija ta' diversi inizjattivi multilaterali għas-sigurtà tal-ikel; jistieden, madankollu, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżvolġu rwol ewlieni fil-koordinazzjoni tad-diversi inizjattivi biex jiġi żgurat impenn internazzjonali effettiv għas-sigurtà tal-ikel globali; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw l-istabiliment ta' mekkaniżmu internazzjonali ta' tħejjija u rispons għall-kriżijiet tal-ikel, taħt il-patroċinju tal-FAO u tad-WFP, bl-għan li jiġu identifikati r-riskji u l-vulnerabbiltajiet, b'mod partikolari fl-infrastruttura kritika tal-ikel u l-ktajjen tal-provvista, u tittejjeb il-koordinazzjoni tar-reazzjonijiet f'każ ta' kriżi; jappoġġja, barra minn hekk, l-iżvilupp ta' riżervi strateġiċi tal-ikel, minħabba r-rwol li l-istokkijiet jista' jkollhom biex itaffu l-impatti tal-kriżijiet tal-ikel; jitlob li jissaħħaħ ir-rwol tan-Network Globali Kontra l-Kriżijiet tal-Ikel;
38. Ifakkar fil-ħtieġa li tiżdied is-sigurtà tal-ikel fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jissodisfaw il-ħtiġijiet nutrizzjonali tal-popolazzjonijiet tagħhom; jitlob, f'dak is-sens, li l-UE tappoġġja wkoll l-inizjattivi lokali, reġjonali u tal-pajjiżi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex tiġi promossa s-sovranià tal-ikel; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari permezz ta' Tim Ewropa, jgħinu biex jinbnew

soluzzjonijiet mal-atturi lokali, b'mod partikolari l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, u jappoġġjaw inizzjattivi mfassla apposta għar-realtajiet lokali u reġjonali sabiex jakkumpanjaw lill-pajjiżi sħab lejn is-sigurtà u s-sovranità tal-ikel, permezz tal-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni agrikola lokali u reġjonali u t-tranżizzjoni lejn sistemi agroalimentari u tas-sajd ekoloġikament sostenibbli u reżiljenti; jistieden lill-UE tinkoraġġixxi l-kondiviżjoni ta' soluzzjonijiet bejn il-pajjiżi, b'mod partikolari fi stati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw fl-Oċean Indjan, il-Karibew u l-Paċifiku fejn it-tibdil fil-klima huwa fattur ewlieni fl-insigurtà tal-ikel;

39. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu appoġġjati proġetti lokali li jinkoraġġixxu t-tranżizzjoni lejn agrikoltura b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u sajd sostenibbli, li fl-istess ħin ikunu ta' benefiċċju għas-sigurtà tal-ikel, il-protezzjoni ambjentali u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima fil-pajjiżi sħab; jissottolinja li l-agrikoltura sostenibbli bbażata fuq prattiki tal-biedja agroekoloġiċi kif definit fir-Rapport tan-NU A/HRC/46/33 tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel u l-bijodiversità; iħeġġeġ lill-UE tipprijoritizza l-assistenza esterna tagħha għall-investimenti agrikoli fl-agroekoloġija, l-agroforestrija u d-diversifikazzjoni tal-għelejjel;
40. Jirrikonoxxi r-rwol kruċjali li għandhom il-bdiewa fuq skala żgħira u medja fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel kif enfasizzat fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bdiewa u Persuni Oħra li Jaħdmu f'Żoni Rurali; jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqas ta' investiment li ilu jeżisti fil-biedja fuq skala żgħira, inkluż mid-donaturi; ifakkar li l-investimenti fis-settur tal-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar irendu l-aħjar redditi f'termini ta' tnaqqis tal-faqar, tkabbir u tisħiħ tal-introjtu tal-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar, speċjalment il-bdiewa nisa b'azjendi agrikoli żgħar;
41. Jistieden, għalhekk, lill-UE, lill-Istati Membri u lill-banek Ewropej għall-iżvilupp jikkooperaw ma' bdiewa fuq skala żgħira fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jappoġġjawhom fil-bidla lejn prattiki tal-biedja sostenibbli, b'mod partikolari billi jippromwovu t-trasferiment tal-għarfien u l-aħjar prattiki permezz ta' organizzazzjonijiet u kooperattivi tal-biedja lokali, jagħtu spinta lill-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ u jtejbu l-aċċess tagħhom għall-kreditu, għall-assigurazzjoni, għall-informazzjoni dwar is-suq tal-ikel u għall-finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni; jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li l-bdiewa fuq skala żgħira jiġu appoġġjati permezz ta' programmi ffukati fuq agrikoltura reżiljenti għat-tibdil fil-klima li tirrispetta l-bijodiversità u li jkollhom l-għan li jidentifikaw għelejjel li huma adattati aħjar għall-kundizzjonijiet tat-temp lokali, bħall-bidla għal għelejjel aktar tradizzjonali, sabiex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn infrastruttura agrikola, inputs u sistemi ta' irrigazzjoni li jużaw inqas enerġija u jikkunsmaw inqas ilma u biex jiġi appoġġjat il-finanzjament ta' soluzzjonijiet ta' ħżin sabiex il-bdiewa jiġu protetti mill-ħsad kif ukoll mit-telf ta' wara l-ħsad u biex titnaqqas il-ħela tal-ikel;
42. Jirrimarka, fid-dawl tar-Rapport tan-NU A/HRC/49/43 mir-Rapporteur Speċjali dwar id-dritt għall-ikel, Michael Fakhri, li d-dritt għall-ikel huwa marbut b'mod inerenti mas-sistemi taż-żrieragħ tal-bdiewa u d-dritt indiviżibbli tagħhom li jfaddlu, jużaw, jiskambjaw u jbigħu b'mod liberu ż-żrieragħ merfugħa mill-azjendi; jistieden għalhekk lil Tim Ewropa jappoġġja programmi li jqisu l-ħtiġijiet tas-sistemi taż-żrieragħ tal-bdiewa jew tas-sistemi taż-żrieragħ informali u jappoġġja l-banek taż-żrieragħ jew il-libreriji taż-żrieragħ li jippermettu lill-bdiewa u lill-ġardinara jiġbru, jikkonservaw u

jikkondividu żrieragħ indiġeni, razez lokali u varjetajiet tal-bdiewa;

43. Jisħaq fuq l-importanza tal-protezzjoni u tal-promozzjoni tad-dritt tal-komunitajiet lokali għas-sigurtà tal-ikel; jiddeplora, f'dan il-kuntest, il-fatt li l-ħtif tal-art huwa mifruż f'ħafna pajjiżi, li jdgħajjed is-sovranià tal-ikel; jistieden lill-UE tappoġġja bil-qawwa l-prevenzjoni tal-ħtif tal-art u jisħaq fuq l-importanza li jitnieda proċess inklużiv bl-għan li tiġi ggarantita l-parteċipazzjoni effettiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-komunitajiet lokali fl-iżvilupp, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ ta' politiki u azzjonijiet relatati mal-ħtif tal-art; jitlob li l-proġetti kollha li jippromwovu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-art, inkluż il-kummerċ, jirrispettaw il-Linji Gwida Volontarji dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art (VGGT), u li jiġu inklużi miżuri li jiżguraw li l-proġetti ma jipperikolawx id-drittijiet tal-art tal-bdiewa fuq skala żgħira.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	1.3.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Barry Andrews, Hildegard Bentele, Stéphane Bijoux, Dominique Bilde, Udo Bullmann, Catherine Chabaud, György Hölvényi, Beata Kempa, Karsten Lucke, Erik Marquardt, Michèle Rivasi, Eleni Stavrou, Tomas Tobé, Bernhard Zimniok
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marlene Mortler, Maria Noichl, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Bernhuber, Elisabetta De Blasis, Katrin Langensiepen, Aušra Maldeikienė

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

20	+
ECR	Beata Kempa
ID	Dominique Bilde
PPE	Hildegard Bentele, Alexander Bernhuber, György Hölvényi, Aušra Maldeikienė, Marlene Mortler, Eleni Stavrou, Tomas Tobé
Renew	Barry Andrews, Stéphane Bijoux, Catherine Chabaud
S&D	Udo Bullmann, Karsten Lucke, Maria Noichl, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho
Verts/ALE	Katrin Langensiepen, Erik Marquardt, Michèle Rivasi

1	-
ID	Bernhard Zimniok

1	0
ID	Elisabetta De Blasis

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	25.4.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 39 -: 8 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Atidzhe Alieva-Veli, Álvaro Amaro, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Benoît Biteau, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Ivan David, Paolo De Castro, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Paola Ghidoni, Martin Häusling, Martin Hlaváček, Krzysztof Jurgiel, Jarosław Kalinowski, Elsi Katainen, Norbert Lins, Elena Lizzi, Chris MacManus, Colm Markey, Marlene Mortler, Maria Noichl, Juozas Olekas, Daniela Rondinelli, Bronis Ropé, Bert-Jan Ruissen, Anne Sander, Simone Schmiedtbauer, Veronika Vrecionová, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Franc Bogovič, Rosanna Conte, Claude Gruffat, Anja Hazekamp, Pär Holmgren, Petros Kokkalis, Benoît Lutgen, Irène Tolleret, Emma Wiesner
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Griset, Achille Variati

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

39	+
ECR	Mazaly Aguilar, Krzysztof Jurgiel, Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová
ID	Rosanna Conte, Ivan David, Paola Ghidoni, Catherine Griset, Elena Lizzi
PPE	Álvaro Amaro, Franc Bogovič, Daniel Buda, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Benoît Lutgen, Colm Markey, Marlene Mortler, Anne Sander, Simone Schmiedtbauer, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Renew	Atidzhe Alieva-Veli, Asger Christensen, Jérémy Decerle, Martin Hlaváček, Elsi Katainen, Irène Tolleret, Emma Wiesner
S&D	Clara Aguilera, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoș Benea, Isabel Carvalhais, Paolo De Castro, Juozas Olekas, Daniela Rondinelli, Achille Variati
The Left	Chris MacManus

8	-
S&D	Maria Noichl
The Left	Anja Hazekamp, Petros Kokkalis
Verts/ALE	Benoît Biteau, Claude Gruffat, Martin Häusling, Pär Holmgren, Bronis Ropè

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni